MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta’ Ottubru, 2022

Appell Inferjuri Numru 356/2014 LM

**Ronald Carbonaro (K.I. 327481M), Mary Carbonaro (K.I. 513947M), Jacqueline Sciberras née Carbonaro (K.I. 68570M) u Michelle Genovese née Carbonaro (K.I. 450374M)**
*(‘l-atturi’)*

***vs.***

**Carmel Muscat (K.I. 667052M)** *(‘il-konvenut’)*
**u MC Deguara Limited (C 48101) li ġiet kjamata in kawża b’digriet tat-3 ta’ Diċembru, 2014** *(‘is-soċjeta kjamata fil-kawża’)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenut **Carmel Muscat (K.I. 667052M)**, hawnhekk ‘il-konvenut Muscat’, minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa ’l quddiem ‘l-Ewwel Qorti’], tad-29 ta’ Novembru, 2021 [minn issa ’l

quddiem 'is-sentenza appellata], li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tal-kjamata fil-kawża sa fejn kompatibbli ma' dak deċiż, u laqa' parzjalment it-talba tal-atturi **Ronald Carbonaro (K.I. 327481M), Mary Carbonaro (K.I. 513947M), Jacqueline Sciberras née Carbonaro (K.I. 68570M) u Michelle Genovese née Carbonaro (K.I. 450374M)** [minn issa 'l-atturi'] billi kwantu għat-talba tal-attur Ronald Carbonaro bħala proprjetarju tal-fond 32A, Triq l-Imħalla, Naxxar ikkundannat lill-konvenut u lill-kjamata fil-kawża jħallsu lil Ronald Carbonaro s-somma komplessiva ta' tliet elef, tliet mija u ħamsa u tletin Euro u ħamsin ċenteżmu (€3,335.50), kwantu għas-somma ta' tliet mija u erbgħa u ħamsin Euro (€354) mill-konvenut Carmel Muscat waħdu u kwantu għall-kumplament tas-somma (elfejn, disa' mija u wieħed u tmenin Euro u ħamsin ċenteżmu (€2,981.50) mill-konvenut u mill-kjamata fil-kawża *in solidum*, bl-imgħax mit-28 ta' Jannar, 2015. Kwantu għat-talba tal-atturi Mary Carbonaro, Ronald Carbonaro, Jacqueline Sciberras née Carbonaro u Michelle Genovese née Carbonaro, l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-konvenut u s-soċjetà kjamata fil-kawża *in solidum* iħallsu lill-istess atturi flimkien is-somma komplessiva ta' elf, mija u ħmistax-il Euro u ħamsin ċenteżmu (€1,115.50), bl-imgħax mit-28 ta' Jannar 2015. L-Ewwel Qorti ddeċidiet ukoll li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu kwantu għal nofs mill-atturi u n-nofs l-ieħor mill-konvenut u mill-kjamata fil-kawża *in solidum.*

<u>**Fatti**</u>

2. Permezz tat-talba tagħhom, l-atturi spjegaw li Ronald Carbonaro bħala proprjetarju assolut tal-*maisonette* 32A, Triq l-Imħalla, in-Naxxar, u Mary

Carbonaro bħala ko-proprjetarja tan-nofs indiviż tal-*maisonette* 32B, Triq l-Imħalla, Naxxar, flimkien mal-istess Ronald Carbonaro u l-atturi l-oħra Jacqueline Sciberras née Carbonaro u Michelle Genovese née Carbonaro bħala ko-proprjetarji fi kwoti indaqs tan-nofs indiviż l-ieħor tal-istess *maisonette,* sofrew b'kemm jiswew disat elef, disa' mija u erbgħa u ħamsin Euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€9,954.83) f'danni fil-proprjetajiet tagħhom konsegwenza tax-xogħlijiet li saru, u fiż-żmien li fih inbdew dawn il-proċeduri kienu għadhom qed isiru, mill-konvenut fil-proprjetà tiegħu 28/30, "Tbissima", Triq l-Imħalla, Naxxar, flimkien ma' spejjeż konnessi. L-atturi ppremettew li dawn id-danni ġew ikkawżati minħabba traskuraġni, imperizja, negliġenza, nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti u/jew nuqqas ta' diliġenza da parti tal-konvenut fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet imwettqa minnu, u/jew fl-ingaġġar ta' ħaddiema kompetenti f'xogħolhom, u għalhekk għandu jagħmel tajjeb għalihom hu. L-atturi spjegaw ukoll li minkejja li l-konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex jersaq għall-aċċettazzjoni ta' responsabbilità u għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, dan baqa' inadempjenti.

## <u>Mertu</u>

3. Fost id-dokumenti esebiti mill-atturi bħala prova tal-pretensjonijiet tagħhom, huma ppreżentaw kopji tal-kuntratti relattivi għall-akkwist tal-proprjetà tagħhom, kif ukoll kopja tar-rapport tal-Perit Christian Buhagiar b'elenku tal-ħsarat sofferti minnhom fil-proprjetà tagħhom.

4. Il-konvenut **Carmel Muscat** fir-risposta tiegħu eċċepixxa li t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex

huwa mhuwiex responsabbli għal kwalunkwe danni u spejjeż li l-atturi jgħidu li għamlu. Qal li sabiex isiru x-xogħlijiet fil-proprjetà tiegħu, huwa kien ingaġġa bħala kuntrattur lis-soċjetà MC Deguara Limited, u għalhekk id-danni allegatament sofferti mill-atturi mhumiex imputabbli lilu, iżda huma imputabbli lill-kumpannija li għamlet ix-xogħlijiet u li kellha tassigura li x-xogħol isir skont is-sengħa u l-arti, u li l-ebda danni ma jiġu kkaġunati lill-proprjetà ta' terzi. Il-konvenut eċċepixxa wkoll li d-danni reklamati huma eċċessivi u li għandha tinġab prova tagħhom. Permezz ta' rikors ippreżentat minnu fit-2 ta' Diċembru, 2014, il-konvenut Muscat talab għall-kjamata fil-kawża tas-soċjetà MC Deguara Limited (C 48101), peress li kienet hi li għamlet ix-xogħlijiet fil-proprjetà tiegħu.

5. Is-soċjetà MC Deguara Limited [minn issa 'is-soċjetà msejħa fil-kawża] fir-risposta tagħha wieġbet li fl-ewwel lok, l-atturi jridu jġibu prova tal-ħsarat allegatament sofferti minnhom, meta seħħew, u minn min ġew ikkaġunati. Ġie eċċepit ukoll li din il-kumpannija ma kinitx l-unika li tqabbdet sabiex tagħmel xogħol fil-fond 28/30, "Tbissima", Triq l-Imħalla, in-Naxxar, u għalhekk it-talba tal-atturi ma tistax tirnexxi sakemm ma tinġabx prova li l-ħsarat sofferti saru mill-kjamata fil-kawża u mhux minn ħaddiema oħra. Il-kjamata fil-kawża eċċepiet ukoll li hija ma tirrispondix għall-ħsarat pre-eżistenti fil-fond tal-atturi, u hija lanqas ma tirrispondi għal ħsarat li setgħu ġew ikkaġunati minn terzi jew li seħħew minkejja li hija ħadmet skont is-sengħa u l-arti kif diretta mill-perit tal-intimat Carmel Muscat. Il-kjamata fil-kawża eċċepiet ukoll li hija ma tirrispondix għal danni li setgħu ġew evitati jew imnaqqsa li kieku l-atturi mmitigaw id-danni kif kienu obbligati jagħmlu. Il-kjamata fil-kawża eċċepiet ukoll li fi kwalunkwe każ l-ammont pretiż mill-atturi huwa esaġerat.

6. Waqt l-udjenza tat-18 ta' Frar, 2015, il-Qorti ħatret lill-Perit Valerio Schembri bħala Perit Tekniku Ġudizzjarju, li ħalef ir-rapport tiegħu fit-23 ta' Settembru, 2020, fejn spjega li mill-provi li nstemgħu quddiemu, mid-dokumenti esebiti in atti u mill-konstatazzjonijiet li għamel waqt l-aċċess, seta' jikkonkludi li l-ħsarat li saru fil-proprjetà tal-atturi huma attribwibbli għax-xogħlijiet li saru fil-proprjetà tal-konvenut, b'konformità ma' dak li spjega l-Perit Philip Micallef inkarigat mill-konvenut Muscat fir-rapport tiegħu tat-12 ta' Ġunju, 2014. B'riferiment għall-ħsara li saret fuq il-graffiato tal-*front garden,* u fuq il-faċċata, il-Perit Valerio Schembri qal li l-ħsara li saret tista' tissewwa billi tingħata l-aħħar kisja tal-*graffiato* sabiex tissolva l-problema, u m'hemmx il-ħtieġa li tinqala' wkoll il-bażi tal-istess *graffiato.* Il-Perit Schembri qal li l-ispiża għal dan ix-xogħol tammonta għal €300 (VAT eskluż). Qal wkoll li l-ħsara fuq il-ħitan ta' ġewwa tal-garaxx mhijiex konsegwenza tax-xogħol li sar fil-proprjetà tal-konvenut. B'riferiment għall-ħsara fuq il-kisi tal-*gypsum* fuq il-ħitan ta' ġewwa, il-Perit Schembri qal li għalkemm hemm partijiet fejn jidher ċar li d-difetti mhumiex attribwibbli għax-xogħol li sar mill-konvenut, jidher li l-Perit Philip Micallef inkarigat mill-konvenut irrikonoxxa l-fatt li kien hemm ħsarat ġodda li feġġew wara l-ewwel spezzjoni li kienet sar minnu. Il-Perit Schembri qal li biex tissewwa din il-ħsara hemm bżonn spiża ta' €1,200. Spjega wkoll li l-*graffiato finish* tat-terrazzini tista' tissewwa mingħajr il-ħtieġa li tinbarax il-ħxuna oriġinali tal-kisi, u qal li għall-*first floor back terrace* hemm bżonn spiża ta' €400 (VAT eskluż), filwaqt li għas-*second floor terrace* hemm bżonn spiża ta' €250 (VAT eskluż) u ta' €300 (VAT eskluż). Tal-istess fehma kien l-Perit Schembri fir-rigward tal-*external front garden and facade,* li għal darb'oħra qal li tista' tissewwa mingħajr il-ħtieġa li tinqala' l-bażi tal-*graffiato,* u l-ispiża meħtieġa

għal dan ix-xogħol hija ta' €50. Iż-żebgħa tal-bitħa interna tista' ssir bi spiża ta' €300 (VAT eskluż), u l-*graffiato finish* tal-bitħa ta' wara jista' jiġi rranġat billi t-titjir jiġi xkatlat u tingħata l-aħħar kisja tal-*graffiato* bi spiża ta' €500 (VAT eskluż). Il-Perit Valerio Schembri kkonstata li għad hemm titjir tal-konkos mar-*railings,* li qal li jista' jitneħħa u jitnaddaf b'likwidi apposta mingħajr il-ħtieġa ta' *blasting* u ggalvanizzar mill-ġdid bi spiża ta' €600 (VAT eskluż). Qal ukoll li l-ħsara fl-aperturi tal-*aluminium* tista' tissewwa bi spiża ta' €525 (VAT eskluż). filwaqt li qal li l-ispiża ta' €450 (VAT eskluż) għas-servizz mogħti mill-Perit Christian Buhagiar huwa ammont raġonevoli ħafna. B'kollox, il-Perit Schembri wasal għall-konklużjoni li l-ispiża totali għax-xogħol li huwa meħtieġ fil-fondi tal-atturi minħabba xogħol li sar fil-fond tal-konvenut Muscat, tammonta għal €5,988.50 (VAT inkluż). Il-Perit Schembri qal li l-ħsara fil-parapett tal-proprjetajiet 32A u 32B saret qabel bdiet ix-xogħol tagħha l-kjamata fil-kawża, u din il-ħsara saret waqt it-tħaffir li sar fil-parapett. B'riferiment għall-ħsarat interni fil-forma ta' konsenturi u ħsarat oħra, il-Perit Schembri qal li dawn feġġew wara li sar it-tqattigħ tas-soqfa u din il-ħsara hija attribwibbli għall-operat tal-kjamata fil-kawża. Qal ukoll li l-atturi ma setgħu jagħmlu xejn biex itaffu din il-ħsara. Żied jgħid li l-ħsara fil-*graffiato,* fil-GR1000, fiż-żebgħa tal-ħitan tal-bitħa interna, fir-*railings* u fl-aperturi tal-*aluminium,* seħħew f'ċirkostanzi meta kien qed jingħata l-konkos mill-kjamata fil-kawża, jew minn *sub-contractors* inkarigati minnha. Qal ukoll li s-*side shuttering* tas-saqaf ċeda minħabba li min għamel l-irbit m'għamilx xogħol adegwat u dan ix-xogħol kien esklussivament f'idejn il-kjamata fil-kawża. B'riferiment għall-inċident meta ċediet il-gallerija għaliex l-attur Carbonaro ħall wieħed mis-*supporting jacks,* il-Perit Schembri qal li kienet irresponsabbilità kbira da parti ta' Ronald Carbonaro li ħall l-attrezzaturi intiżi

sabiex jissopportaw il-konkos li kien ser jingħata *in situ.* Qal li min rama s-*shuttering* għan-nom tal-kjamata fil-kawża kien avżat li Carbonaro mess is-*supporting jacks,* u għalhekk qabel beda l-*casting* tal-konkos l-inkarigat tal-kjamata in kawża kellu jassigura li s-*supporting jacks* jiġu ripristinati għall-istat sikur li kienu fih oriġinarjament, jew inkella kellu jipposponi x-xogħol. Ladarba minkejja li kien infurmat b'dan, l-inkarigat tal-kjamata fil-kawża ppersista bix-xogħol, il-Perit Schembri qal li l-ħsarat ikkaġunati meta ċediet il-gallerija, huma attribwibbli lill-kjamata fil-kawża. Il-Perit Schembri qal li kien hemm titjir fuq ir-*railings* u l-aperturi tal-*aluminium* li seta' jintmesaħ mill-attur Carbonaro sabiex ma jilħaqx jinxef, u għalhekk l-atturi setgħu għamlu xi ħaġa sabiex jimmitigaw il-ħsara sofferta minnhom.

7. Fix-xhieda tiegħu, l-attur **Ronald Carbonaro** spjega li huwa joqgħod fil-fond 32A, Triq l-Imħalla, Naxxar, u dan il-fond huwa proprjetà tiegħu. Żied jgħid li fil-fond 32B tgħix ommu Mary Carbonaro, u dan il-fond huwa nofsu proprjetà ta' ommu u l-kumplament jappartjeni lill-werrieta Ronald Carbonaro u ħutu. Ronald Carbonaro qal li fl-2013, Charles Muscat, li jgħix fil-fond bin-numru 28, Triq l-Imħalla, in-Naxxar, beda jagħmel xi xogħol fil-proprjetà tiegħu, billi beda b'xogħol ta' tħaffir li kkawża ħsarat fil-parapett u fit-taraġ li jwassal għad-dar tal-attur. L-attur spjega li fost il-ħsarat ikkaġunati lilu hemm *graffiato* maqsum, konsenturi, irħam maqlugħ minn mal-ħajt, ċint maqlub u sussegwentement Muscat waqqa' s-soqfa. Qal ukoll li Muscat ma qattax mal-appoġġi, iżda uża *jigger.* Qal li meta huwa induna bil-ħsara kkaġunata lilu, tela' jkellem lill-ħaddiema u spjegalhom li jew iqattgħu mal-appoġġi, inkella kellhom jieqfu mix-xogħol, u l-għada dawn bdew iqattgħu mal-appoġġi. Qal li meta twaqqgħet il-

proprjetà ta' Muscat, daħallu l-ilma minn mal-appoġġ u kkawżalu ħsara fil-ġibs. Qal li baqgħet tiġi kkawżata ħsara lilu, għaliex il-konvenut għadu ma lestiex ix-xogħol fil-proprjetà tiegħu.

8. Il-konvenut **Carmel Muscat** fix-xhieda tiegħu qal li l-fond tiegħu jiġi bieb ma' bieb ma' proprjetà tal-atturi, li kienu waqqgħu l-proprjetà tagħhom fl-2005 u bnew żewġ *maisonettes,* xi appartamenti u *penthouse.* Qal li l-appoġġ mal-ħajt diviżorju huwa komuni bejn il-partijiet. F'xhieda mogħtija mill-konvenut fl-2016, dan qal li sa dakinhar kien hemm żewġ appartamenti mibnija u kien għad jonqos il-finitura ta' appartament ieħor. Qal ukoll li huwa għamel dan l-iżvilupp għal membri tal-familja tiegħu. Il-konvenut ikkonferma li huwa m'għamilx polza tal-assigurazzjoni għaliex Martin Deguara kien infurmah li kellu l-polza tal-assigurazzjoni tal-kumpannija. Il-konvenut qal ukoll li x-xogħol bil-*jigger* sar f'distanza ta' inqas minn ħames metri mill-appoġġ, iżda qal li ma kienx dan ix-xogħol li kkawża l-ħsara fil-fond ta' Carbonaro. Il-konvenut Muscat ikkonferma li huwa ma nsistiex mal-kuntrattur li jagħmel polza tal-assigurazzjoni għaliex fil-fehma tiegħu x-xogħol li kien meħtieġ li jsir kien "biċċa xogħol żgħira". Qal ukoll li t-taħmil sar biss fil-parapett. Qal li x-xogħol ma kienx jinvolvi ingall, u kull ma sar kien il-*perimeter wall.* Il-konvenut Muscat ikkonferma li l-ħaddiema tal-kuntrattur Deguara kienu neħħew il-goff mill-fond, iżda t-tindif finali u ż-żebgħa li kien hemm bżonn li ssir m'għamluhx.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

9. Permezz tas-sentenza mogħtija fid-29 ta' Novembru, 2021, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-vertenza li kellha quddiemha billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-

konvenut u tal-kjamata fil-kawża safejn dawn mhumiex kompatibbli ma' dak deċiż, filwaqt li laqgħet parzjalment it-talbiet tal-atturi bill ddeċidiet li fir-rigward tat-talba tal-attur Ronald Carbonaro bħala proprjetarju tal-fond 32 A, Triq l-Imħalla, in-Naxxar, il-konvenut u l-kjamata fil-kawża għandhom iħallsu s-somma komplessiva ta' tliet elef, tliet mija u ħamsa u tletin Euro u ħamsin ċenteżmu (€3,335.50), li jitħallsu kwantu għal €354 mill-konvenut Carmel Muscat waħdu, u l-kumplament tal-€2,981.50 mill-konvenut u mill-kjamata fil-kawża *in solidum,* bl-imgħax mit-28 ta' Jannar, 2015, filwaqt li kwantu għat-talba tal-atturi Mary Carbonaro, Ronald Carbonaro, Jacqueline Sciberras née Carbonaro u Michelle Genovese née Carbonaro, il-konvenut u l-kjamata fil-kawża *in solidum* ġew ikkundannati jħallsu lill-atturi flimkien is-somma komplessiva ta' elf, mija u ħmistax-il Euro u ħamsin ċenteżmu (€1,115.50), bl-imgħax mit-28 ta' Jannar, 2015, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Ikkunsidrat;*
>
> *Din hija azzjoni għall-ħlas ta' danni. L-attur Ronald Carbonaro huwa l-proprjetarju tal-fond 32A, Triq l-Imħalla, Naxxar filwaqt li l-istess attur flimkien mal-atturi kollha huma flimkien il-komproprjetarji tal-fond sottostanti 32B, Triq l-Imħalla, Naxxar. L-atturi mexxew 'il quddiem din l-azzjoni biex jitħallsu għad-danni li huma sofrew b'riżultat ta' ħsarat li żviluppaw fil-proprjetajiet rispettivi tagħhom minħabba, allegatament, ix-xogħlijiet ta' twaqqigħ u kostruzzjoni li ġew eżegwiti fil-fond attigwu tal-konvenut.*
>
> *Il-konvenut jiċħad li huwa responsabbli għall-ħsarat u danni reklamati mill-atturi. Jikkontendi illi huwa kien qabbad kuntrattur tas-sengħa biex jeżegwixxi x-xogħlijiet ta' żvilupp tal-fond tiegħu u għaldaqstant, kien responsabbli l-istess kuntrattur biex jassigura li ma jsirux ħsarat fil-proprjetà ta' terzi.*
>
> *Fuq talba tal-konvenut ġie msejjaħ fil-kawża biex ukoll iwieġeb għad-domanda attriċi, wieħed mill-kuntratturi li kien imqabbad mill-istess konvenut u li wettaq parti mix-*

*xogħlijiet fil-fond tiegħu, is-soċjetà MC Deguara Limited. Din ukoll ċaħdet kull responsabbilità għad-danni pretiżi, anke għaliex ma kienetx l-uniku kuntrattur li ġie imqabbad mill-konvenut biex jaħdem fuq il-proġett ta' żvilupp fil-fond tiegħu.*

*Iż-żewġ imħarrkin jikkontestaw il-quantum tad-danni mitlub mill-atturi bħala wieħed esaġerat u eċċessiv.*

*Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti u l-provi, jirriżulta illi x-xogħlijiet strutturali fil-fond tal-konvenut bdew f'April 2013 (fn. 1 Dan hu kkonfermat mill-konvenut innifsu fix-xhieda tiegħu) meta sar skavar fil-parapett ta' quddiem biex jitħaffer il-bir. Dan ix-xogħol ġie eżegwit minn kuntrattur ieħor qabel is-soċjetà kjamata fil-kawża bdiet twettaq l-appalt mogħti lilha. Ix-xogħol ta' żvilupp fil-fond tal-konvenut li kien appaltat lis-soċjetà kjamata fil-kawża fis-6 ta' Ġunju, 2013, kien jikkonsisti f'alterazzjonijiet fil-pjan terren u fl-ewwel sular eżistenti inkluż twaqqigħ tas-soqfa, u l-kostruzzjoni tat-tieni sular u penthouse. (fn. 2 Dan jirriżulta minn Dok. CM1 anness mar-Risposta tal-konvenut, ftehim datat 6 ta' Ġunju, 2013).*

*Mhuwiex kontestat u fi kwalsiasi każ jirriżulta mill-provi, illi l-uniku xogħol ta' skavar sar fuq quddiem, ossia fil-parapett tal-binja tal-konvenut mhux mis-soċjetà kjamata fil-kawża iżda minn terz kuntrattur, filwaqt illi x-xogħol sussegwenti ta' twaqqigħ, kostruzzjoni, inkluż ġebel, konkos u struttura, tal-fond tal-konvenut sar mis-soċjetà kjamata fil-kawża. Jirrizulta wkoll illi l-imsejħa fil-kawża baqgħet teżegwixxi l-appalt sal-istadju tat-tisqif tat-tieni sular meta ġiet imwaqqfa mill-konvenut wara li nqala' diżgwid bejniethom dwar pagamenti. Il-konvenut imbagħad qabbad terzi kuntratturi biex ikomplu bil-kostruzzjoni tal-livell tal-penthouse u biex jeżegwixxu l-kumplament tax-xogħol inkluż kisi tal-faċċata u l-appoġġi.*

*Il-partijiet kollha rreġistraw il-qbil tagħhom quddiem il-Perit Tekniku illi l-persuna li kien responsabbli għax-shuttering, konkos u scaffolding illi parti minnu kien qed iserraħ fuq it-terrazzin tal-fond 32A, Triq l-Imħalla, Naxxar, proprjetà tal-attur Ronald Carbonaro, kien impjegat tal-imsejħa fil-kawża, ċertu Noel, u kien inkarigat minnha bħala l-foreman b'rabta max-xogħol appaltat lilha mill-konvenut.*

*Ikkunsidrat;*

*Il-Qorti tagħmel referenza għad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Ċivili in materja ta' danni.*

*L-Artikolu 1030 jipprovdi: "*Kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies illi jmiss ma jweġibx għall-ħsara illi tiġri b'dan l-użu. *Iżda, skont l-Artikolu 1031: …* kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu". *Minn din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabbilità akwiljana, jiskatta l-prinċipju illi min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb*

*għall-konsegwenzi negattivi li dak l-att iġib miegħu. Il-liġi tagħna ma tagħtix definizzjoni ta'* culpa *iżda bħala effett tal-Artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili, tidentifikaha f'imġiba fejn jirriżulta nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb ta'* bonus paterfamilias:-

(1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.
(2) Ħadd ma jwieġeb fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-Liġi, għall-ħsara illi tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.

*Imbagħad, l-Artikolu 1033 tal-Kap. 16, jaqra:-* Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb illi jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos illi jagħmel xi ħaġa illi biha jikser xi dmir impost mil-Liġi, huwa obbligat għall-ħsara illi tiġri minħabba f`hekk. (*fn. 3 Fil-kamp kriminali, id-dispożizzjoni legali analoga hija dik fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali li jitkellem dwar kondotta li jkun riskontrabbli fih in-nuqqas ta' ħsieb, minn traskuraġni, jew in-nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew in-nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti).*

*Minn qari komplessiv ta' dawn id-disposizzjonijiet kollha tal-liġi ma hemm l-ebda dubju li kull min minħabba n-nuqqas ta' attenzjoni tiegħu, b'negliġenza u b'nuqqas ta' prudenza fil-grad rikjest mil-liġi jikkawża bl-atti jew bin-nuqqasijiet tiegħu, ħsara lil ħaddieħor għandu jwieġeb għal tali ħsara hekk ikkawżata.*

*Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi "*min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta' kawża u effett mad-danni sofferti.*" (fn. 4 Ara – Kollez. Vol. XXX.I.142) Huwa wkoll aċċettat in materja illi "*l-kolpa fil-każ ta' fatt dannuż li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana tavvera ruħha filli wieħed jagħmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta' dak il-fatt meta seta' jipprevedi dak l-effett". *(fn. 5 ara – Kollez. Vol. XLII.I.74). Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att li huwa kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta' diliġenza u li jikkawża d-dannu, mal-prevedibilità ta' dak l-event dannuż:* "prevedibilità din li trid tkun ta' probabilitajiet raġjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili". *(fn. 6 Ara – Kollez. Vol. XLVIII.I.258).*

*Ikompli jingħad fis-sentenza riportata fil-Kollez. Vol. XXIV. I. 172, illi tissussisti l-kulpa:* "quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene" *(fn. 7 Dan kollu huwa riportat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' April, 2016 fl-ismijiet* ***Andrew Brincat et vs Tabib Ewlieni tal-Gvern et)****.*

*Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, il-konvenut mhux biss qabbad diversi kuntratturi biex jeżegwixxu x-xogħlijiet ta' demolizzjoni u kostruzzjoni tal-fond residenzjali tiegħu, iżda talab li tissejjaħ fil-kawża wieħed minn dawn il-kuntratturi li kien wettaq il-parti l-kbira tal-proġett, biex twieġeb għat-talba attriċi jekk jiġi riskontrati nuqqasijiet jew kondotta oħra kolpuża da parti tagħha jew tal-addetti tagħha jew ta' subappaltaturi inkarigati minnha.*

*Il-konvenut jikkontendi illi huwa ma jistax jinżamm responsabbli għan-nuqqasijiet tas-soċjetà kjamata fil-kawża, inkarigata minnu, jekk ġaladarba jiġi stabbilit illi l-ħsara lamentata mill-atturi hija riżultat tal-kondotta kolpuża tal-istess soċjetà kjamata fil-kawża. Il-Qorti f'dan ir-rigward tqis li l-konvenut ikollu raġun biss f'każ li mill-provi jkun stabbilit li l-fatt dannuż ikun attribwibbli unikament u direttament lil xi att tal-kuntrattur imqabbad minnu li jkun imdaħħal bħala parti fil-kawża* ***u jkun ukoll eskluż li l-konvenut innifsu aġixxa b'kondotta kolpuża fis-sens fuq imfisser****. Għandu jingħad ukoll illi l-konvenut ma jkunx jista' jinħeles mir-responsabbilità għad-danni f'każ fejn il-kuntrattur li jkun attwalment wettaq ix-xogħol li fih jiġi identifikat in-ness mal-event dannuż, ma jifformax parti mil-litiġju odjern: f'każ bħal dak, il-konvenut bħala żviluppatur u sid il-fond fejn twettqu x-xogħlijiet li jintwera li kkaġunaw il-ħsara lamentata, huwa responsabbli.*

*Dan qed jingħad għaliex għall-applikazzjoni tal-kunċett tal-*culpa in eligendo*, huwa biżżejjed li jiġi ppruvat li l-impjegat ossia l-kuntrattur, ma kienx ta' ħila. L-Artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili jistipola:* Kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila, jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-eżekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi.

*Dan il-provvediment tal-liġi jinstab fil-parti tal-Kodiċi Ċivili intitolata* "Fuq id-Delitti u Kważi-Delitti" *u jitkellem dwar ir-responsabilità ta' min iqabbad persuna mhux ta' ħila. Fin-nuqqas ta' relazzjoni kuntrattwali bejn id-danneġġjat u d-danneġġjant, il-prinċipju hu li d-danneġġjat jista' jfittex kemm lill-persuni li għamlu x-xogħol jew ikkawżaw materjalment id-dannu bl-atti jew nuqqasijiet u bl-operat tagħhom, kif ukoll il-persuni li impjegaw lill-istess addetti u dan bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 1032 sa 1038 tal-Kodiċi Ċivili, fuq ċitati. L-azzjoni kontra wieħed ma teskludix l-azzjoni kontra l-ieħor, purche' id-danni akkordati lid-danneġġjat jibqgħu dejjem fil-parametri ta' dak provdut fl-Artikoli 1045 et seq tal-Kap. 16.*

*Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Jannar, 2002 fil-kawża fl-ismijiet* ***Nicholas sive Lino Debono*** vs ***Kummissarju tal-Pulizija et****, ingħad hekk dwar l-Artikolu*

*1037 tal-Kap. 16:-*

"Biex jiġi invokat dan l-artikolu ta' dak li l-Ingliżi jsejħu *'vicarious liability',* il-liġi trid li jkun hemm: (1) ir-relazzjoni ta' employer/employee; (2) culpa in eligendo; (3) l-att tal-impjegat li jikkawża danni lil terzi; u (4) id-danni jkunu riżultat tal-inkompetenza tal-impjegat. Għall-fini tal-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu hu biżżejjed li jiġi pruvat li l-impjegat kien inkompetenti jew li l-employer ma kellux raġun jaħseb li l-impjegat hu ta' ħila. Waħda mill-ipoteżijiet hija biżżejjed."

*F'sentenza oħra tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Diċembru, 2002 (fn. 8* ***Michael Balzan vs Lawrence Ciantar noe et****, konfermata fuq appell, permezz ta' sentenza mogħtija fis-17 ta' Frar, 2006) ġie ritenut illi fis-sistema ġuridika tagħna, is-sid hu responsabbli għal* culpa in eligendo *u li l-interpretazzjoni tal-ġurisprudenza iktar riċenti tal-Artikolu 1037 tal-Kap. 16 hija fis-sens li jekk tirriżulta l-inkompetenza minħabba n-nuqqas tal-persuna mqabbda mis-sid, allura s-sid hu responsabbli għax ma setax jassumi l-kompetenza.*

*Fil-każ tal-kuntrattur imsejjaħ fil-kawża li għandha quddiemha, il-Qorti tqis li l-kunċett tal-*culpa in eligendo *għalkemm applikabbli, titlef ftit mir-rilevanza għaliex kif ingħad, dan il-kuntrattur huwa wieħed mill-partijiet fil-kawża li huwa msejjaħ sabiex iwieġeb direttament għad-dannu kkaġunat minnu. Jibqa' rilevanti il-prinċipju tar-responsabbilità diretta tal-konvenut jekk, kif ingħad, jirriżulta inter alia illi huwa ma żammx il-prudenza u d-diliġenza tal-*bonus paterfamilias *fl-eżerċizzju tal-obbligi tiegħu skont il-liġi, filwaqt li l-prinċipju tar-responsabbilità indiretta tiegħu minħabba atti ta' ommissjoni tal-kuntratturi mqabbdin minnu, tibqa' rilevanti safejn jikkonċerna l-atti tal-kuntratturi jew impjegati oħrajn imqabbdin minnu u li mhumiex parti fil-kawża.*

*Kwantu għar-responsabbilità diretta tal-konvenut Carmel Muscat għall-ħsarat sofferti fil-fond tal-atturi, il-Qorti ma tistax ma tiħux in konsiderazzjoni d-dikjarazzjoni magħmula mill-konvenut innifsu quddiem il-Qorti fit-18 ta' Frar, 2014 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 197/2014. (fn. 9 Dok. RC260301, fol. 121, 122). Hawnhekk il-konvenut refa' personalment u espressament ir-responsabbilità li jagħmel tajjeb għall-ħsarat ikkaġonati fil-fond tal-attur Ronald Carbonaro b'riżultat tal-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet fil-proprjetà tiegħu u dan mingħajr ebda riżerva, ħlief safejn jiġi stabbilit minn tekniċi indipendenti li dawn il-ħsarat ikunu saru bħala konsegwenza tax-xogħlijiet li saru fl-iżvilupp tal-binja tiegħu.*

*Għall-Qorti hu ovvju illi l-kostatazzjonijiet magħmula mill-Perit Tekniku maħtur minnha f'din il-kawża jirraffiguraw bħala kostatazzjonijiet ta' tekniċi indipendenti li abbażi tagħhom il-konvenut intrabat li jagħmel tajjeb għall-ħsarat kostatati.*

*Dan stabbilit, ma jfissirx illi l-Qorti ma tistax tirriskontra reponsabbilità legali wkoll f'terzi għall-ħsarat sofferti fil-fond tal-attur Ronald Carbonaro, iżda lanqas ir-responsabbilità ta' terzi ma jista' jġib fix-xejn l-effetti tal-assunzjoni espressa, volontarja u inekwivoka ta' responsabbilità da parti tal-konvenut.*

*Barra dan, kif sewwa jissottomettu l-atturi, il-konvenut naqas minn diversi obbligi statutorjament imposti fuqu bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2013 dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetà ta' Terzi Persuni, (fn. 10 L-Avviż Legali 72 tal-2013 (L.S. 623.02) – dawn ir-regolamenti ġew imħassrin bl-Avviż Legali 136 tal-2019 u sostitwiti bil-L.S. 623.06 (**Regolamenti dwar l-Evitar ta' Ħsara lill-Proprjetà ta' Terzi Persuni)** liema regolamenti kienu fis-seħħ fiż-żmien li twettqu x-xogħlijiet ta' żvilupp fil-fond tal-konvenut. Dan qed jingħad għaliex bl-applikazzjoni tal-imsemmija Regolamenti, il-konvenut għandu jitqies li kien l-iżviluppatur kif ukoll il-manager* ipso facto *tas-sit (fn. 11 Regolament 5). Fir-rigward għandu jiġi osservat illi għalkemm il-Perit Karl Borg - li dak iż-żmien kien impjegat mas-soċjetà kjamata fil-kawża - xehed inizzjalment li huwa kien is-site manager ta' din il-kumpannija u li* "primarjament" *hu kien is-supervisor tax-xogħlijiet fil-post tal-konvenut, in segwitu huwa nnega illi hu kien responsabbli li x-xogħol isir skont is-sengħa u l-arti u fisser li xogħlu "…* kien li nara l-loġistika u anke li l-materjal ikun fil-post. Ngħid li kont inkarigat mill-kejl tax-xogħol u dwar korrispondenza u informazzjoni. Dwar kif ser jiġi esegwit ix-xogħol ma kienx fir-remit tiegħi u dan inkluż il-mod kif jintrama x-shutter etc". *(fn. 12 Fol. 228, 2009). Minn dan il-Qorti ma tistax tikkonkludi serenament illi kien hemm site manager maħtur speċifikatament għal dan is-sit u għaldaqstant, tqis illi bl-applikazzjoni tar-regolament 5(4) tal-L.S. 623.02, huwa l-konvenut bħala l-proprjetarju tas-sit tal-iżvilupp li għandu jitqies bħala l-manager* ipso facto *tas-sit.*

*Inoltre, billi ma jirriżultax mill-provi illi dan l-iżvilupp kien eskluż bl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija fir-regolamenti 8 (fn. 13 ara xhieda tal-Perit Micallef seduta 20 ta' Marzu, 2018) u 26, il-Qorti tqis illi l-iżvilupp imwettaq mill-konvenut kien jinkwadra fl-iskop tar-Regolamenti in diżamina.  Wara li rat l-atti u l-provi, il-Qorti tosserva illi l-konvenut, evidentement, naqas mis-segwenti obbligi statutorji b'rabta tal-iżvilupp minnu intrapriż:- (1) li jieħu ħsieb li jipprepara dikjarazzjoni tal-metodu tat-twettiq tax-xogħlijiet b'metodoloġiji li huma teknikament sikuri sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' ħsara lil proprjetà ta' terzi persuni jew korriment lil persuni li jistgħu jiġu kkawżati mix-xogħlijiet proposti (fn. 14 Regolament 2 tal-Avviż Legali 72 tal-2013) u li jiġi assigurat li x-xogħlijiet isiru skont kif stipolat fid-dikarazzjoni tal-metodu (fn. 15 Regolament 11) (2) li jieħu ħsieb li tinħareġ polza ta' assigurazzjoni kontra ħsara inter alia, fil-proprjetà ta' terzi persuni b'riżultat tal-iżvilupp intrapriż (fn. 16 Skont kif*

*maħsub fir-Regolament 6(1) tal-Avviż Legali 72 tal-2013); (3) li jitħejja u jiġi sottomess rapport dwar il-kundizzjoni tal-proprjetà li hi kontigwa mas-sit ta' żvilupp flimkien mad-dikjarazzjoni tal-metodu. (fn. 17 Regolament 7 (5) tal-Avviż Legali).*

*Fir-rigward speċifikatament is-sottomissjoni ta' rapport dwar il-kundizzjoni tal-proprjetà tal-atturi f'din il-kawża, il-Qorti tosserva li m'huwiex kontestat illi ma sar l-ebda rapport tekniku li jiddokumenta l-istat li kien jinsab fih il-fond tal-atturi qabel inbdew ix-xogħlijiet fil-fond tal-konvenut. Dan ma sarx minkejja illi l-Perit inkarigat mill-istess konvenut, il-Perit Philip Micallef, xehed illi huwa kien ta parir li dan ir-rapport isir. Għall-Qorti, hu evidenti li rapport bħal dak mhux biss kien fl-interess tal-konvenut li jiġi kommissjonat għaliex kien jeskludi dawk il-ħsarat li, fiċ-ċirkostanzi jeżisti dubju dwar jekk ġewx ikkaġonati bħala riżultat tax-xogħlijiet intrapriżi fil-fond tal-konvenut, jew le, iżda kien doveruż fuq l-istess konvenut.*

*Effettivament, jirriżulta li l-ewwel rapport li jiddokumenta l-ħsarat riskontrati fil-fond tal-atturi, sar fis-6 ta' Mejju, 2013 (fn. 18 Dok. K anness mar-Rikors promotur. Dan ir-rapport intbagħat lill-konvenut fil-11 ta' Mejju, 2013 – Dok. MD061002) abbażi ta' spezzjoni miżmuma mill-Perit ex parte inkarigat mill-atturi, il-Perit Christian Buhagiar, iżda dan wara li bdew jiġu eżegwiti x-xogħlijiet ta' skavar fil-fond tal-konvenut. Abbażi ta' spezzjonijiet oħrajn li għamel fiż-żewġ proprjetajiet fix-xhur sussegwenti, il-Perit tal-atturi ddokumenta l-ħsarat ulterjuri li feġġew b'riżultat tal-iżvilupp fil-fond adjaċenti u finalment, huwa kkwantifika l-ispejjeż għat-tiswija ta' dawn il-ħsarat u danni oħrajn, fis-somma komplessiva ta' €9,954.83. (fn. 19 ara Dok. D sa Dok. J annessi mar-Rikors promutur).*

*Għaldaqstant, b'żieda mar-responsabbilità minnu assunta fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni, il-konvenut għandu jitqies li huwa responsabbli għall-ħsarat riskontrati fil-fond kontigwu tal-attur anke għaliex naqas milli jwettaq id-dmirijiet imposti fuqu mil-Leġislazzjoni Sussidjarja appena msemmija (Avviż Legali 72 tal-2013) u dan skont kif prospettat fl-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti tqis ukoll illi minn din il-perspettiva, fil-kondotta tal-konvenut qua sid il-fond li fih kien għaddej l-attività li allegatament ikkaġunat id-danni u bħala l-persuna li skont il-liġi kien meqjus bħala* site manager *u bħala l-iżviluppatur, hija ravviżabbli nuqqas li "*jagħmel xi ħaġa illi biha jikser xi dmir impost mil-Liġi". *Konsegwentement, il-konvenut huwa responsabbli immaterjalment mill-identifikazzjoni o meno tal-persuni inkarigati minnu li bl-operat jew nuqqasijiet tagħhom, ġiet attwalment ikkawżata l-ħsara fil-fond tal-atturi.*

*B'hekk ma tistax tirnexxi d-difiża tal-konvenut li kien il-kuntrattur kjamat fil-kawża li għandu jwieġeb* ***esklussivament*** *għall-ħsarat attribwibbli direttament lill-operat tiegħu u r-responsabbilità tal-istess konvenut għall-operat tal-kuntrattur imqabbad*

*minnu ma tistax titqies li waqfet mal-għażla u l-ħatra ta' kuntrattur, anke jekk ma kellux l-ebda raġuni jissuspetta li m'għandux il-ħila u kompetenza għax-xogħol appaltat. Barra minn hekk, kif rajna, ir-responsabbilità tal-konvenut testendi wkoll għad-dover li jagħmel tajjeb għad-danni kkaġunati minnhom abbażi tad-dikjarazzjoni li għamel u li minħabba fiha ġie ċedut il-Mandat ta' Inibizzjoni li inħareġ fuq talba tal-atturi għat-twaqqif tax-xogħlijiet fil-fond tal-konvenut.*

*Ikkunsidrat;*

*Il-Perit Tekniku fir-Relazzjoni tiegħu, ikkonkluda illi l-ħsarat riskontrati mill-Perit imqabbad ex parte mill-konvenut, l-AIC Philip Micallef, f'aċċess li huwa żamm fl-14 ta' Mejju 2014 (liema ħsarat jinsabu elenkati fir-rapport tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2014) (fn. 20 dok. M anness mar-Rikors promutur), jirrappreżentaw il-ħsarat li ġew effettivament ikkaġonati direttament jew indirettament fil-proprjetajiet tal-atturi bħala riżultat tal-attività ta' kostruzzjoni intrapriż fil-fond tal-konvenut.*

*Mix-xhieda tal-Perit Philip Micallef jirriżulta illi f'Mejju 2014, meta huwa żamm l-aċċess li abbażi tiegħu huwa ħareġ ir-rapport tat-12 ta' Ġunju, 2014, il-binja tal-konvenut kienet prattikament kompluta u l-kostruzzjoni kienet waslet fi stat ta' ġebel u saqaf. Xehed ukoll illi għalkemm il-ħsarat kollha elenkati fl-imsemmi rapport tiegħu huma attribwibbli lix-xogħlijiet eżegwiti fil-fond tal-konvenut, dawk li fil-fehma tiegħu huma attribwibbli direttament lis-soċjetà kjamata fil-kawża huma dawk elenkati fil-paragrafi bin-numri 6, 7, u 8 tar-rapport. (fn. 21 L-istess Perit tal-konvenut, Philip Micallef, ikkwantifika n-nefqa għat-tiswija tal-ħsarat minnu riskontrati u dokumentati fir-rapport tiegħu tat-12 ta' Ġunju, 2014, fis-somma totali ta' €4,223 (Dok. CM120402).*

*Is-segwenti huma l-ħsarat li l-Perit Tekniku kkostata illi ġew ikkaġunati fil-fond tal-atturi bħala riżultat tax-xogħlijiet ta' żvilupp intrapriżi fil-fond kontigwu tal-konvenut:-*

- ***Damage to external parapet wall (front garden and facade)***

*Hawnhekk jirriżulta illi l-*graffiato finish *u* stone coping *tal-parapett u faċċata tal-fond tal-attur ġarrbu ħsarat b'riżultat ta' skavar li kien sar fuq quddiem ossia fil-parapett tal-binja tal-konvenut minn kuntrattur ċertu Bonavia, u dan qabel ġiet ingaġġata s-soċjetà kjamata fil-kawża. Il-Perit Tekniku kkonkluda li biex tissewwa l-ħsara m'hemmx ħtieġa li tinqala' l-bażi tal-*graffiato *iżda biss l-aħħar kisja u għal dan ix-xogħol riparatorju huwa llikwida s-somma totali ta' €300 (eskluż VAT) (fn. 22 Total €354)*

*B'applikazzjoni tal-prinċipji fuq esposti, il-Qorti tqis illi huwa l-konvenut Carmel Muscat waħdu li għandu jagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjeż.*

- ***Damage to plaster and wall finish of party wall***

*Fl-ewwel rapport tiegħu tal-11 ta' Frar 2014 (fn. 23 dok. CM120401, fol. 201, esebit fis-seduta tat-12 ta' April, 2016), il-Perit Philip Micallef esprima l-fehma illi d-danni elenkati fil-paragrafi 3 sa 7 tal-istess rapport, konsistenti (safejn jikkonċerna l-ħsarat fil-ħitan interni tal-appoġġ) (fn. 24 Paragrafi 3, 4 u 5 tar-rapport tal-11 ta' Frar, 2014) fi ħsarat fil-kisi u ż-zebgħa tal-ħitan interni tal-appoġġ u f'sinjali ta' moffa kif ukoll konsenturi fil-madum tal-kamra tal-banju ensuite, kienu pre-eżistenti u mhux direttament attribwibbli lill-attività fil-fond tal-konvenut. Konklużjoni li addotta wkoll il-Perit Tekniku. Madanakollu, jirriżulta illi dawn il-ħsarat pre-eżistenti aggravaw b'riżultat tax-xogħlijiet intrapriżi mill-konvenut u ġew ikkostatati wkoll konsenturi ġodda fil-ħajt tat-tieni kamra tas-sodda. Il-Perit Tekniku għalhekk, wara li ħa in konsiderazzjoni l-fatt illi dawn id-difetti aggravaw u l-kawża oriġinali tagħhom ma jinsabx fl-attività intrapriża fil-fond tal-konvenut, illikwida s-somma ta' €1,200 (eskluż VAT) bħala l-ispiża totali li għandha tintefaq biex tissewwa l-ħsara f'dawn il-ħitan interni.*

*Il-Perit Tekniku kkonkluda illi dawn il-ħsarat ulterjuri feġġew b'riżultat tat-tqattigħ tas-soqfa u l-alterazzjonijiet l-oħra li wettqet is-soċjetà kjamata fil-kawża.*

*Is-soċjetà kjamata fil-kawża fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, tagħmel referenza għall-fatt illi l-Perit Tekniku, fl-eskussjoni tiegħu, jaqbel illi t-tqattigħ tas-soqfa bil-metodu li hija tgħid li ġie adoperat minnha biex tiżola s-soqfa minn mal-ħitan fil-fond tal-konvenut u biex twaqqa' l-faċċata ġebla ġebla, ċioé bl-użu tas-sega u* chainsaw *bid-*diamond cutter *rispettivament, sar skont is-sengħa u l-arti u huwa l-aħjar mod kif seta' jiġi eżegwit dan ix-xogħol partikolari. Osservat ukoll li huwa ma rriskontra l-ebda negliġenza jew nuqqas da parti tagħha fir-rigward. Hija tikkontendi illi din l-affermazzjoni ma tistax ħlief tfisser li l-konsenturi riskontrati fil-ħitan interni ma setgħux feġġew b'riżultat tat-tqattigħ tas-soqfa u f'kull każ, ġaladarba l-metodu tax-xogħol adoperat minnha huwa intiż proprju biex jitnaqqsu l-vibrazzjonijiet, hija ma tistax titqies li kienet negliġenti fit-twettiq ta' dan ix-xogħol partikolari u tikkontesta r-responsabbilità tagħha għal dawn il-konsenturi u ħsarat riżultanti. Tikkontendi wkoll illi dan ix-xogħol sar skont l-istruzzjonijiet diretti mogħtija mill-konvenut jew mill-Perit imqabbad minnu.*

*Madanakollu, il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan it-teżi tas-soċjetà kjamata fil-kawża. Ibda biex mill-provi li ressqet l-istess soċjetà kjamata fil-kawża, imkien ma ġie eskluż li hija għamlet użu minn jigger biex tqatta' l-parti ċentrali tas-soqfa. L-emfasi li sar*

*fix-xhieda tal-Perit Karl Borg (fn. 25 Xhieda fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2018) kien illi* "bħala prekawzjoni ntużat is-sega u dan qabel tkisser is-saqaf" *u li din is-sega ntużat biex jiġu iżolati s-soqfa minn mal-ħajt divizorju. Kemm hu hekk hu kkonferma wkoll li mir-ritratt CM050215, il-qatgħa fis-saqaf jidher li hi ta' jigger u li ma jsibx oġġezzjoni li jintuża jigger wara li s-saqaf ikun inqata' minn mal-ħitan bis-sega. (fn. 26 ara xhieda tat-22 ta' Jannar, 2019, fol. 265 et seq). Inoltre, il-Qorti ma tistax twarrab dak li xehed l-attur fir-rigward: "*Ngħid illi dan ma qattax mal-appoġġi però uża *jigger.* Ngħid li jien indunajt wara jumejn u tlajt inkellem lill-ħaddiema u spjegajtilhom li jew iqattgħu minn mal-appoġġ jew inkella jieqfu mix-xogħol. Ngħid li l-għada bdew iqattgħu ossia jissegaw minn mal-appoġġ". *(fn. 27 xhieda tal-attur fis-seduta tas-26 ta' Marzu, 2015, fol. 119). Sinifikanti wkoll li l-Perit Philip Micallef ma setax jiftakar, meta ġie mistoqsi, li ntużat is-sega biex jitqattgħu s-soqfa. Lanqas jista' jitwarrab il-fatt illi in effetti, minkejja l-użu tas-sega u* chainsaw *biex jitwaqqgħu s-soqfa u l-faċċata tal-fond tal-konvenut, xorta waħda feġġew konsenturi fil-ħitan diviżorji u dan ma jagħmel xejn biex iserraħ moħħ il-Qorti li dawn il-konsenturi ma kinux attribwibbli mix-xogħol eżegwit mis-soċjetà kjamata fil-kawża. F'kull każ, ma jirriżultax mill-atti u l-provi illi l-użu ta' sega fiċ-ċirkostanzi in diżamina kellu jelimina* <u>*għal kollox*</u> *il-vibrazzjonijiet fl-istruttura li jistgħu jwasslu għall-konsenturi tax-xorta li ġie riskontrat f'dan il-każ. Fuq kollox, il-Perit Tekniku eskluda inekwivokabbilment in eskussjoni (fn. 28 risposta għad-domanda 5.xi, fol. 279 tergo) illi l-konsenturi fil-ħitan tal-appoġġ fil-fond tal-attur setgħu kienu kkawżati mix-xogħol ta' skavar fil-parti ta' quddiem tal-fond tal-konvenut, imwettaq preċedentement minn terz kuntrattur.*

*Il-Qorti tqis illi jekk ġaladarba l-ħsara lamentata hija konsegwenza naturali tat-tqattigħ tas-soqfa b'dan il-metodu, dan ma jfissirx illi l-persuna li tkun ġarrbet il-ħsarat fil-proprjetà adjaċenti tagħha, tibqa' mingħajr rimedju. In propositu, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-każ ta'* ***Gasan Mamo Insurance vs Doreen Vella*** *deċiż fit-23 ta' April, 2010 riaffermat il-fehma tagħha illi f'każ ta' ħsarat riskontrati fi proprjetajiet adjaċenti, ir-responsabbilità hija ta' natura oġġettiva u qalet li huwa impost* "fuq min għandu d-disponibilità tal-fond, sija materjali, sija ġuridika, ir-responsabbilità għas-seħħ ta' ċerti eventi determinanti. Dan ukoll indipendentement mir-riċerka tan-ness kawżali bejn xi kondotta negattiva tiegħu u l-event tad-dannu li jkun ivverifika ruħhu;

Anzi, dejjem fil-każ tal-ispeċje hawn eżaminat, strettament id-danneġġjat mhux tenut jipprova x-xorta ta' kondotta kolpuża f'min iġib fis-seħħ l-event dannuż, u, kważi kważi, din hi wkoll irrilevanti in kwantu hu lanqas ma għandu l-possibilità li jaċċedi fil-fond li minnu oriġinat il-ħsara u, allura, teżisti għalih anke d-diffikoltà estrema li hu jipprova l-kondotta effettiva ta' sid dak il-fond;

Kif taraha din il-Qorti d-danneġġjat hu gravat bl-oneru li jiddemostra li l-event ġie prodott b'konsegwenza tal-malfunzjonament jew tal-ħsara fl-attrezzatura jew installazzjoni sitwata fil-fond sovrastanti u li tali kienet tirrappreżenta dik il-kondizzjoni neċessarja u suffiċjenti fil-produzzjoni tal-ħsara. Il-provi in atti dan jikkonfermawh. Jingħad a propożitu mill-Franzoni (*"Le obbligazzioni da fatto illecito",* Ed. Utet, 2004 p. 292), "**In questo modo, il danneggiato è gravato soltanto dall'onere di dimostrare l'esistenza del rapporto eziologico tra la cosa e l'evento del danno, mentre sul convenuto grava l'onere di provare l'esistenza di un fattore, estraneo alla sua sfera soggettiva, idoneo ad interrompere quel nesso causale** *(Cass. 13 ta' Frar, 2002, Nru. 2075)"; (emfasi ta' din il-Qorti)*

*Dan ifisser illi kull ma għandu jipprova d-danneġġjat, f'dan il-każ l-attur, kien il-fatt tal-ħsara kkaġunata minn stat attribwibbli lill-fond adjaċenti li, f'dan il-każ kienet qed tiġi żviluppata bit-twaqqigħ tal-faċċata u tas-soqfa, u hi din il-prova tan-ness materjali tal-kawżalità bejn dan l-istat tal-fond adjaċenti u d-dannu verifikat li tinkombi fuq id-danneġġjat:-*

"Dan għaliex fil-każ preżenti ninsabu fil-preżenza tar-responsabbilità oġġettiva, hekk krejata mis-sitwazzjoni taż-żewġ fondi, għal liema jgħoddu wkoll il-prinċipju tar-res ipsa loquitur." *(fn. 29* ***GasanMamo Insurance Limited v. Doreen Vella et,*** *supra).*

*Il-fatt illi s-soċjetà kjamata fil-kawża setgħet kienet qed issegwi l-istruzzjonijiet tal-konvenut jew il-Perit minnu inkarigat fix-xogħol tat-twaqqigħa tas-soqfa u l-faċċata, ma jista' jibdel xejn minn din il-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti.*

*Għaldaqstant, b'applikazzjoni tal-prinċipji u konsiderazzjonijiet ġia magħmulin aktar qabel f'din is-sentenza, hija l-fehma tal-Qorti illi għall-ħsarat riżultanti mit-tqattigħ tas-soqfa u t-twaqqigħ tal-faċċata tal-fond tal-konvenut, iwieġbu l-konvenut kif ukoll is-soċjetà kjamata fil-kawża solidalment. Jiġi ribadit illi sid ta' fond ma jistax jeħles mir-responsabbilità tiegħu bħala proprjetarju tal-fond u mill-obbligu konsegwenzjali tiegħu li jirrimedja għal ħsara kaġunata f'fond adjaċenti kemm-il darba għal tali ħsara kien jirrispondi wkoll terz. Kif jingħad a propositu* "non può un vicino esimersi dallo obbligo di rimuovere la causa dei danni che soffrisse l'altro vicino nel proprio fondo quantunque in tale causa concorresse il fatto di altri; contro questi competerebbe tutto al più un diritto di rilevanza" *(fn. 30 silta minn deċiżjoni riportata a Vol. III paġna 16, ċitata f'****Joseph Bonnici v. John Mizzi et*** *– Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża 28.3.2003).*

*Ovvjament ġaladarba ma sarx* condition report *fir-rigward tal-istat tal-fond tal-atturi preventivament għax-xogħlijiet intrapriżi fil-fond tal-konvenut, m'hemmx prova*

*konklussiva li l-ħsarat li skont il-Perit Philip Micallef, kienu pre-eżistenti, ma kinux ikkaġunati mix-xogħlijiet fil-fond adjaċenti. Għalhekk fin-nuqqas ta' prova oġġettiva li teskludi li l-ħsarat u konsenturi riskontrati fil-kisi u tibjid ta' diversi partijiet mill-ħajt diviżorju intern, inkluż fil-kamra tal-banju, kienu kkaġunati mix-xogħlijiet eżegwiti mis-soċjetà kjamata fil-kawża, il-Qorti ma tistax ħlief tistrieħ fuq il-fehma esperta tal-Perit Tekniku minnħa maħtur. Effettivament, il-Perit Tekniku, fil-likwidazzjoni ta' spejjeż fis-somma ta' €1,200 għat-tiswija ta' dawn il-ħsarat partikolari - fosthom* internal gypsum works *- li huwa deherlu li kienu aggravati pjuttost milli kkaġonati direttament bħala riżultat tax-xogħlijiet fil-fond tal-konvenut, jidher li ħa dan il-fattur in konsiderazzjoni u dan kif jirriżulta fir-risposta tiegħu għad-domanda 5.iv u 5.v.*

*Għalhekk, il-konvenut u l-imsejħa fil-kawża għandhom iħallsu lill-attur Ronald Carbonaro s-somma komplessiva ta' €1,416. (fn. 31 €1,200 pju' VAT)*

- ***Ħsarat fil-*graffiato*, fil-GR 1000, fiż-żebgħa tal-ħitan tal-bitħa interna u fir-railings u aperturi tal-aluminium***

*Dawn il-ħsarat jinsabu elenkati fil-paragrafi 6, 7 u 8 tar-rapport tal-Perit Philip Micallef. Il-Perit Tekniku hu tal-fehma, bħall-Perit ex parte, illi dawn il-ħsarat, konsistenti fit-titjir tal-konkos, saru b'riżultat tax-xogħlijiet imwettqa fil-fond tal-konvenut kif ukoll speċifikatament, bi ħtija tal-kuntrattur kjamat fil-kawża meta huwa kien qed jagħti l-konkos u ċeda s-*side shuttering *tas-saqaf tat-tieni sular.*

*Il-Perit Tekniku ma deherlux li kellu jattribwixxi dan it-titjir lill-kisi eżegwit minn terzi kuntratturi fl-appoġġ u l-faċċata, minħabba li mill-provi ma jirriżultax li kien hemm lanjanza da parti tal-atturi fir-rigward tat-twettiq ta' dak ix-xogħol partikolari. Minflok, l-istess Perit Tekniku ikkonkluda illi l-kaġun ewlieni ta' dan l-inċident tal-*concrete spillage *kien in-nuqqas tal-kuntrattur li jirfed adegwatament il-lqugħ, anke jekk il-kuntrattur qabbad huwa stess terzi kuntratturi biex iwettqu dan ix-xogħol. Madanakollu, huwa għamilha ċar ukoll, fir-risposta tiegħu għad-domanda 6.iii in eskussjoni, illi l-episodju meta ċediet il-gallarija u waqa' l-konkos fil-fond tal-attur, huwa wkoll marbut mat-tbagħbis li sar mill-attur innifsu meta huwa pprova jħoll is-saqajn ta' wieħed mis-serratizzi li kienu intramaw fit-terrazzin tiegħu mingħajr permess.*

*Il-Qorti rat ix-xhieda u mkien ma jirriżulta illi l-attur kien għarraf lill-*foreman *imqabbad mis-soċjetà kjamata fil-kawża li hu kien mess jew ipprova jħoll parti mill-armatura tal-i*scaffolding *li kienet fil-proprjetà tiegħu, wisq anqas jirriżulta illi huwa kien għarrfu qabel effettivament ċeda x-*shuttering. *Magħdud dan il-fatt illi l-konvenut xehed illi huwa sar jaf bit-tbagħbis wara li ċeda l-ilqugħ. Il-Qorti m'hijiex sejra tispekola dwar x'seta' għamel l-attur u meta, iżda tqis li mhuwiex ippruvat*

*sodisfaċjentement illi qabel effettivament tat il-konkos, is-soċjetà kjamata fil-kawża kienet ġiet infurmata li kien hemm attentat ta' tbagħbis tal-istruttura tal-i*scaffolding*.*

*Il-Perit Tekniku kkonkluda li għalkemm l-attur Ronald Carbonaro naqas meta ċaqlaq is-saqajn tal-i*scaffolding *li kienu mqegħdin fil-proprjetà tiegħu, ir-responsabbilità aħħari biex jiġi assigurat is-saħħa tal-istruttura minnufih qabel jingħata l-konkos, tibqa' tal-kuntrattur. Fir-rigward, il-Qorti tosserva illi hija taqbel mal-Perit Tekniku illi* foreman *tal-affari tiegħu, appena jkun ser jibda l-eżekuzzjoni tal-*casting *tal-konkrit in situ, jerġa' jivverifika l-irfid u s-sodizza tas-*supporting jack *u jassigura li l-armar u l-*propping *ikunu fi stat tajjeb u sigur. Għalhekk, minn dak l-aspett, hija taqbel illi l-ħsarat ikkaġunati meta ċediet il-gallarija huma attribwibbli lill-operat tas-soċjetà kjamata fil-kawża.*

*Iżda fl-istess waqt, ġaladarba mhux ippruvat li l-kuntrattur kien speċifikament mgħarraf bit-tbagħbis, u stabbilit in-ness bejn it-tbagħbis da parti tal-attur tal-istruttura tax-*shuttering *u l-kollass tal-ilqugħ meta sar il-"*pouring*" tal-konkrit tal-gallarija, il-Qorti ma tistax taqbel illi l-attur ma għandux jerfa' parti mir-responsabbilità għal dan l-inċident li wassal biex tiġi kkawżata ħsara fil-proprjetà tiegħu nnifsu u li tagħha qed jitlob ir-riżarċiment. Kif diġà ngħad, il-Perit Tekniku afferma mingħajr ekwivoċi li l-azzjoni tal-attur hija marbuta mal-kollass tax-*shuttering. *Il-Qorti fehmet illi dan hu hekk minħabba li l-attentat ta' taħlil seta' wassal biex dgħajjef l-irbit tal-armar u konsegwentement, ir-responsabbilità tal-attur għal dan l-akkadut ma tistax tiġi eskluża. Għaldaqstant, sejra tassenja porzjoni tal-ħtija għall-ħsarat imsemmija fl-aħħar tliet items tar-rapport tal-Perit Christian Buhagiar u elenkati fil-paragrafi 6, 7 u 8 tar-rapport tal-Perit Philip Micallef, lill-attur innifsu Ronald Carbonaro stante illi, kif stabbilit mill-Perit Tekniku, huwa aġixxa b'mod ferm irresponsabbli meta mess l-armar li kien, wara kollox, essenzjali għas-sodizza tal-irbit waqt il-*casting *tal-konkrit in situ.*

*Il-Qorti wara li kkunsidrat ukoll il-fatt illi mix-xhieda mhux kontradetta tal-konvenut jirriżulta illi huwa kien ġibed l-attenzjoni tal-*foreman *tal-kuntrattur biex isaħħaħ l-irfid għaliex il-konkos kien ta' għoli ta' 30 ċentimetru - twissija li l-kuntrattur evidentement ma tax kasha - tqis illi l-attur għandu jerfa' terz tar-responsabbilità għall-ħsarat riżultanti minn dan l-inċident.*

*Ma tressqux provi suffiċjenti li juru illi t-titjir tas-siment fil-fond tal-attur Ronald Carbonaro seta' ġie kaġonat minn xogħol ta' kisi tal-faċċata tal-fond tal-konvenut u tal-appoġġ jew mix-xogħol tat-tisqif tal-penthouse, liema xogħol ma sarx mis-soċjetà kjamata fil-kawża iżda minn terzi persuni. Ma ġiex ippruvat lanqas illi dan ix-xogħol ikkontribwixxa għat-titjir jew ikkaġunat xi ħsara ulterjuri fil-proprjetà tal-atturi.*

*Effettivament, mix-xhieda tal-konvenut jirriżulta li da parti tal-atturi ma kienux saru lmenti dwar ħsarat fir-rigward tal-kisi u skont il-konvenut, ittieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex ma ssirx ħsara minn dan ix-xogħol ta' kisi u dan billi x-xogħol twettaq skont kif il-konvenut, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni, kien impenja ruħu jagħmel.*

*Il-Perit Tekniku illikwida l-quantum komplessiv tal-ispejjeż li jridu jintefqu biex jitnaddaf it-titjir tas-siment fuq il-GR 1000 u l-*graffiato finish *fit-terrazzini ta' quddiem u ta' wara fiż-żewġ sulari tal-fond tal-attur (32A) u fil-parapett ta' quddiem, faċċata u l-bitħa ta' wara tal-fond tal-atturi kollha (32B), fis-somma totali ta' €1,400 (eskluż VAT). Dan il-valur ferm imnaqqas meta imqabbel mal-istima tal-Perit Christian Buhagiar, il-Perit Tekniku jiġġustifikah minħabba l-fatt illi peress li jirriżulta illi l-materjal tal-kisi m'huwiex effettivament* graffiato *iżda GR1000, it-titjir jista' jitneħħa u tingħata kisja rqiqa fuqu mingħajr il-bżonn tal-ħxuna oriġinali ta' kisi, filwaqt li kwantu għat-titjir fuq kisi b'*graffiato finish*, it-titjir jiġi xkatlat u tingħata l-aħħar kisja tal-*graffiato *mingħajr il-bżonn li tinqala' wkoll il-bażi tiegħu.*

*Kwantu għax-xogħol ta' żebgħa li jeħtieġ isir fil-bitħa interna tal-fond 32B tal-atturi kollha, il-Perit Tekniku ikkwantifika l-ispejjeż fis-somma ta' €300 filwaqt illi esprima l-opinjoni illi l-konkos li fadal fuq ir-railings jista' jitneħħa bl-użu ta' likwidi apposta u b'żewġ passati jew tlieta ta' spray paint biex ma jibqgħux jidhru l-varjazzjonijiet fil-kulur li ġew ikkaġunati b'riżultat ta' dan it-titjir. Huwa kkunsidra illi l-estremi ta'* galvanising *u* blasting *mill-ġdid tar-railings, kif prospettat mill-Perit inkarigat ex parte mill-atturi, m'humiex meħtieġa fiċ-ċirkostanzi u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni ta' din il-konklużjoni, il-Qorti sejra tagħmilha tagħha.*

*Kwantu mbagħad għall-ispejjeż tat-tiswija tal-aperturi tal-aluminium fil-fond tal-attur Ronald Carbonaro (32A), il-Perit Tekniku jaqbel mal-istima indikata f'Dok. H annessa mar-Rikors promotur fis-somam ta' €525 (eskluż VAT), filwaqt illi kwantu għall-ispejjeż tat-tindif ġenerali indikati fiż-żewġ* quotations *maħruġin minn Bad Boy Cleaners (Dok. I), huwa esprima l-opinjoni li ġaladarba diġà ġew akkordati ammonti rappreżentanti spejjeż ta' tindif ta' railings u aperturi – liema spejjeż qegħdin jintalbu wkoll fiż-żewġ* quotations *appena msemmija – l-ispiża għat-tindif ġenerali għandha tiġi aġġustata għas-somma ta' €200 (eskluż VAT) għaż-żewġ proprjetajiet.*

*Kwantu għad-danni reklamati mill-attur Ronald Carbonaro għall-ħsarat fil-ħitan interni tal-garaxx tal-fond 32A, kif indikat fir-rapport tal-Perit Christian Buhagiar, il-Perit Tekniku deherlu li ma kellux jaċċettahom għaliex fil-fehma tiegħu dawn ma kienu bl-ebda mod attriwibbli lix-xogħlijiet intrapriżi fil-fond tal-konvenut.*

*Ikkunsidrat;*

*In linea ġenerali, huwa prinċipju tad-dritt fil-kamp tar-riżarċiment tad-danni li l-attur għandu kemm jista' jkun jigi mqiegħed fil-posizzjoni li hu kien fih u kien ikollu kieku ma ġietx ikkaġunata l-ħsara (fn. 32 ara fir-rigward,* ***Tufigno vs Micallef noe****, Qorti tal-Appell, 23 ta' April, 1965). Id-danneġġjat għandu l-jedd li jiġi rimborsat tad-danni li jkun sofra u li jerġa' jitqiegħed raġjonevolment fl-istat li kien qabel sofra l-ħsara u dan permezz ta' riżarċiment – li ġeneralment hu rikonoxxut li għandu jikkonsisti f'somma li raġjonevolment twassal għall-valur tal-utilitajiet mitlufa – li jirreintegra l-patrimonju tad-danneġġjat minn kull telf ekonomiku li jġib miegħu l-event dannuż (fn. 33 Vide fost oħrajn,* ***Zammit vs Calleja*** *– Appell Inferjuri – 12 ta' Jannar, 1977).*

*Illi huwa wkoll prinċipju tad-dritt aċċettat fil-kamp tar-riżarċiment tad-danni li d-danneġġjat huwa marbut jadotta dawk il-miżuri kollha raġjonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun ġarrab, u jekk jirriżulta li ma jkunx ha dawk il-miżuri, allura dak in-nuqqas tad-danneġġjat għandu jirriżolvi ruħu fi tnaqqis tal-quantum tad-danni. Huwa wkoll prinċipju tad-dritt li għalkemm id-danneġġjat għandu d-dmir li jagħmel dak kollu li hu raġjonevoli sabiex inaqqas il-ħsara u li jieħu l-miżuri kollha biex jimmitiga t-telf li jkun ġarrab, fl-istess waqt mhuwiex obbligat li jitgħabba b'piżijiet sabiex jirriduċi l-ħsara. Il-kwistjoni ta' x'inhu raġonevoli li jsir mid-danneġġjat biex jimmitiga l-ħsara, hi waħda ta' fatt li għandha tiġi mistħarrġa fl-isfond taċ-ċirkostanzi ta' kull każ partikolari u l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward jaqa' fuq il-konvenut.*

*Issa mill-provi u kif kostatat mill-Perit Tekniku, ma jirriżultax li l-attur Ronald Carbonaro u l-atturi l-oħra, għamlu xi tentattiv għat-tindif tempestiv tat-titjir tal-konkos minn fuq ir-railings u l-aperturi tal-aluminium, biex titnaqqas il-ħsara riżultanti minn dan it-titjir u konsegwentement ukoll l-ispejjeż meħtieġa biex dan jitnaddaf. Hawnhekk, il-Perit Tekniku kien tal-fehma illi l-atturi naqsu għaliex ma kien hemm xejn x'iżommhom milli jwettqu xi forma ta' tindif fil-pront permezz ta' timsiħ sempliċi bl-ilma, liema azzjoni kienet tkun effettiva biex tnaqqas il-ħsarat tat-titjir tal-konkos.*

*L-atturi jikkontendu illi peress li ħadd ma tahom struzzjonijiet biex inaddfu t-titjir tal-konkos huma stess u l-attur Ronald Carbonaro kien rassigurat illi kien ser jintbagħat xi addett tal-kuntrattur biex inaddaf il-ħsara, ma jistax jitqies li kien hemm nuqqas ta' twettiq ta' xi obbligu ta' mitigazzjoni tad-dannu.*

*Iżda fil-fehma tal-Qorti, anke jekk l-atturi kienu rassigurati jew jekk jirriżulta mill-provi li kienu ngħataw struzzjonijiet biex dan it-titjir jitnaddaf mill-addetti tal-kuntrattur, dan ma jistax jeżonera lill-atturi mill-obbligu li jipprovaw inaqqsu il-ħsarat huma stess jekk effettivament, baqa' ma ntbagħat ħadd biex inaddaf it-titjir. Fil-fatt l-attur Ronald Carbonaro stqarr illi huwa ma pprovax ineħħi dan il-konkos huwa stess:* "Mistoqsi pruvajtx inneħħi l-konkos immedjatament ngħid li kien hemm kwantità

kbira u żgur li waħdi ma stajtx inneħħih għaliex lanqas għodda ma kelli."

*Il-Perit Tekniku in eskussjoni ippuntwalizza illi* "kieku ntuża mill-ewwel ilma b'sempliċement pipe normali tat-tisqija etc. setgħet tiġi mmitigata l-ħsara jekk mhux se mai evitata wkoll". *Għall-Qorti dan ifisser illi għall-mitigazzjoni tal-ħsarat f'dan il-każ ma kienx jeħtieġ xi azzjoni straordinarja jew li tinvolvi spejjeż għall-attur u illi fl-aħħar mill-aħħar, din l-azzjoni fil-pront kien ikollha l-effett li tnaqqas l-entità tal-ispejjeż li effettivament jenħtieġu jintefqu.*

*Miżmum dan ferm, il-Qorti tqis illi s-sottomissonijiet li saru f'rigward mill-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom in sostenn tal-fatt li ma għamlu xejn biex jitnaddaf it-titjir tal-konkos hekk kif kien ovvju li dan it-tindif ma kienx ser isir mill-kuntrattur, ma jiswewx biex jeskolpawhom mill-obbligu li jagħmlu dak kollu li huwa raġonevolment meħtieġ biex tiġi mitigata l-ħsara sofferta minnhom.*

*Għaldaqstant, il-Qorti tqis li peress li l-ħsarat setgħu kienu sostanzjalment inqas (fn. 34 ara fol. 281, fosthom risposta għad-domanda 6(vii) kieku kien hemm tentattiv tempestiv ta' tindif sempliċi da parti tal-atturi, il-konvenuti ma għandhomx jerfgħu l-ispiża totali għall-irjus tad-danni konsistenti fl-ispejjeż akkordati mill-Perit Tekniku għat-tindif u żebgħa meħtieġ b'riżultat tat-titjir tas-siment fuq il-*graffiato finish *u fuq ir-railings u l-aperturi tal-aluminium.*

*Dan ifisser illi kwantu għall-fond 32A di proprjetà tal-attur Ronald Carbonaro, mill-ispejjeż totali għat-tiswija tad-danni konsistenti fit-titjir tas-siment fuq il-*graffiato finish *u fuq ir-railings u aperturi tal-aluminium u l-ispejjeż meħtieġa għat-tindif u żebgħa, minn spiża totali ta' €2,212.50 (fn. 35 - €400 + €250 + €300 + €300 (€600/2 kwantu railings) + €525 + €100 (€200/2 kwantu tindif) = €1,875, più 18% VAT = €2,212.50), il-konvenut u l-kjamat fil-kawża għandhom iħallsu, miżmum ferm ukoll il-kontributorjetà tal-istess attur fl-event dannuż li kkaġuna l-ħsara f'sehem ta' terz u n-nuqqas mill-obbligu tal-mitigazzjoni tad-danni, is-somma komplessiva ta' €1,300. (fn. 36 Din is-somma tinkludi VAT)*

*Kwantu mbagħad għall-fond tal-atturi kollha, 32B, mill-ispejjeż totali għat-tiswija tad-danni konsistenti fit-titjir tas-siment fuq il-*graffiato finish *u fuq ir-railings u aperturi tal-aluminium u l-ispejjeż meħtieġa għat-tindif u żebgħa, fis-somma ta' €1,475 (fn. 37 €50 + €300 + €500 + €300 (€600/2 kwantu railings + €100 (€200/2 tindif) = €1,250 più VAT = €1,475), il-konvenut u l-kjamat fil-kawża għandhom iħallsu, miżmum ferm ukoll il-kontributorjetà f'sehem ta' terz ta' wieħed mill-komproprjetarji tal-fond fl-event dannuż li kkaġuna l-ħsara u n-nuqqas mill-obbligu tal-mitigazzjoni tad-danni, is-somma komplessiva ta' €850.*

*Il-Qorti taqbel ukoll li s-somma ta' €450 (eskluż VAT) (fn. 38 €531 inkluż VAT) diviż*

*bejn iż-żewġ fondi jiġi €265.50 kull fond) rappreżentanti d-drittijiet li jridu jitħallsu lill-Perit Christian Buhagiar (fn. 39 dok. H anness mar-rikors promotur) inkarigat minnhom ex parte, kienu spejjeż li kienu meħtieġa tenut kont tan-natura teknika tal-vertenza u l-Perit Tekniku nnifsu kkonferma wkoll li l-ammont mitlub huwa raġjonevoli ferm. Dan l-ammont għandu jitħallas nofsu kwantu għall-fond bin-numru 32A u n-nofs l-ieħor kwantu għall-fond bin-numru 32B.*

*Iżda mhux l-istess jgħodd għall-ħlas tad-drittijiet legali pretiżi mill-atturi. Il-Qorti tqis li ma nġabitx prova tajba li l-ispejjeż li tħallsu in linea ta' drittijiet legali estra-ġudizzjarji kienu spejjeż meħtieġa: fl-atti ġew prodotti biss żewg ittri interpellatorji (Dok. P u Dok. Q (fn. 40 annessi mar-rikors promotur) relatati mal-fattura datata 26 ta' Awwissu 2014 (fn. 41 Dok. J, fol. 22, 23). Il-Qorti hi tal-fehma illi spejjeż u drittijiet estra-ġudizzjarji għandhom jiġu intaxxati bl-applikazzjoni tat-tariffi skont il-liġi u dan bħala parti mill-kap tal-ispejjeż fejn l-atturi talbu l-ħlas tal-ispejjeż "kollha".*

*Peress illi l-konklużjonijiet raġġunti mill-Perit Tekniku fir-rigward tax-xogħlijiet rimedjali u l-ispejjeż meħtieġa, ma ġewx speċifikatament ikkuntrastati la mill-atturi u lanqas mill-konvenut permezz tal-proċedura ta' eskussjoni tal-istess Perit Tekniku jew bil-ħatra ta' periti addizzjonali, il-Qorti tqis li għandha taddotta l-fehma teknika tal-espert maħtur minnha anke wara li kkunsidrat illi effettivament, sija l-atturi u kif ukoll il-konvenut iddikjaraw, fis-seduta tat-23 ta' Settembru, 2020, illi huma jirrimettu ruħhom għall-konklużjonijiet fir-relazzjoni tiegħu. Din id-deċiżjoni l-Qorti waslet għaliha anke wara li qieset illi fir-risposti tiegħu għad-domandi li sarulu in eskussjoni mis-soċjetà kjamata fil-kawża, il-Perit Tekniku żamm ferm mal-konklużjonijiet kollha tiegħu fir-rigward tal-kwantifikazzjoni tal-ispejjeż meħtieġa biex isiru x-xogħlijiet rimedjali fil-proprjetajiet rispettivi tal-atturi.*

*Ikkunsidrat;*

*In kwantu għall-imgħaxijiet mitluba mill-atturi fuq il-quantum tad-danni, il-Qorti tosserva illi fir-Rikors promotur ġie mitlub il-kundanna għall-ħlas tas-soma determinata u komplessiva ta' €9,954.83 u l-imgħax fuq din is-somma mid-data tal-preżentata tal-istess Rikors. Il-konvenut u l-imsejħa fil-kawża jopponu għat-talba tad-dekorriment tal-imgħax, ħlief għal dak l-imgħax li jibda jgħaddi mid-data tas-sentenza, għaliex isostnu illi l-atturi sal-lum ma nefqu xejn mill-ammont minnhom mitlub u għaldaqstant ma sofrew l-ebda telf ekonomiku; ġie osservat illi l-uniku pagament li attwalment ġie żborsat mill-atturi mis-somma sħiħa pretiża in linea ta' danni, kien il-ħlas tad-drittijiet legali estra-ġudizzjarji.*

*Il-liġi fl-Artikolu 1139 tal-Kodiċi Ċivili tipprovdi illi meta l-obbligazzjoni jkollha biss*

*bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena. Issa fil-każ in diżamina, l-obbligazzjoni li l-atturi qegħdin jenforzaw bl-azzjoni minnhom intentata, hija proprju obbligazzjoni ta' ħlas ta' somma determinata. Kemm hu hekk fir-Rikors promotur, huma talbu l-ħlas tas-somma determinata ta' €9,954.83. Hu minnu illi ma jirriżultax illi l-atturi effettivament ħallsu xi ħaġa mis-somma li l-ħlas tagħha intalbet fir-Rikors promotur, nonche' mis-somma li ġiet kwantifikata u qed tiġi aġġudikata, iżda l-Qorti hi tal-fehma illi huwa immaterjali, għall-fini tad-dekorriment tal-imgħaxijiet, illi ma jkunx intwera li d-danneġġjat jew il-kreditur ikun bata xi telf ekonomiku attwali. Fir-rigward,* ***l-Artikolu 1140 jipprovdi speċifikatament illi l-imgħaxijiet li jgħaddu fuq somma determinata ta' flus għandhom jitħallsu mingħajr ma jkun jinħtieġ li l-kreditur jipprova li bata xi telf*** *u għalhekk, meta l-obbligazzjoni tkun għall-ħlas ta' somma determinata ta' flus, għad-dekorriment tal-imgħax mhux meħtieġ illi jintwera illi din is-somma tkun ħarġet mill-patrimonju tal-kreditur iżda biss li kien hemm dewmien fl-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni. Id-debitur huwa dejjem u fi kwalsiasi każ, obbligat li jagħmel tajjeb għad-dewmien fil-ħlas ta' somma determinata, billi jħallas id-danni li jiġu mid-dewmien tal-eżekuzzjoni, ċioe l-imgħax skont l-Artikolu 1139 tal-Kap. 16.*

*Issa fil-każ odjern, l-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni tal-ħlas tas-somma speċifikata mill-atturi fir-Rikors promotur, ġiet mitluba permezz tal-preżentata tar-Rikors promotur u d-danni li ġejjin mid-dewmien fl-eżekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni huma effettivament l-imgħaxijiet li ddekorrew mid-data ta' dik is-sejħa għall-ħlas sad-data tal-pagament effettiv. Il-Qorti hija tal-fehma illi għalkemm is-somma li qed tiġi likwidata mill-Qorti u aġġudikata favur l-atturi, hija inqas mis-somma oriġinarjament reklamata, l-imgħax xorta waħda għandu jitqies li jibda jgħaddi mid-data tal-imsemmija sejħa ġudizzjarja ġaladarba s-somma kienet ġiet effettivament kwantifikata u l-konvenuti jitqiesu għalhekk, li kienu minn dakinhar morużi fl-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni tal-ħlas. Kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha* ***Fogg Insurance Agencies Limited noe et v. Paul Tabone*** *(fn. 42 deċiż 17 ta' Frar, 2003):-*

"Fuq l-aggravju tal-interessi u d-dekorriment tagħhom il-Qorti tinnota li fil-korp tal-avviż l-atturi talbu somma determinata u speċifika. Jirriżulta li l-atturi nterpellaw ġudizzjarjament lill-konvenut għall-ħlas tagħha in sodisfazzjoni tad-danni pretiżi. Dan jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattratta l-interessi ("O'Connor -vs- Bruno Olivier" a Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-Qorti rreduċiet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jgħaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta."

*Għaldaqstant, l-imgħax fuq is-somma aġġudikata għandu jibda jiddekorri mid-data*

*tan-notifika tar-Rikors promotur lis-soċjetà kjamata fil-kawża permezz tal-Affissjoni, ċioe' 28 ta' Jannar, 2015. (fn. 43 fol. 71 tergo)*

***Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tas-soċjetà kjamata fil-kawża biss safejn dawn mhux kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tilqa' parzjalment it-talba tal-atturi kif ġej:-***

***Kwantu għat-talba tal-attur Ronald Carbonaro bħala proprjetarju tal-fond 32A, Triq l-Imħalla, Naxxar, tikkundanna lill-konvenut u s-soċjetà kjamata fil-kawża jħallsu lill-istess attur is-somma komplessiva ta' tliet elef tliet mija u ħamsa u tletin Euro u ħamsin ċenteżmu (€3,335.50), kwantu għas-somma ta' tliet mija u erbgħa u ħamsin Euro (€354) mill-konvenut Carmel Muscat waħdu u kwantu għall-kumplament fis-somma ta' elfejn disa' mija u wieħed u tmenin Euro u ħamsin ċenteżmu (€2,981.50) mill-konvenut u s-soċjetà kjamata fil-kawża* in solidum*, bl-imgħax mit-28 ta' Jannar 2015;***

***Kwantu għat-talba tal-atturi Mary Carbonaro, Ronald Carbonaro, Jacqueline Sciberras née Carbonaro u Michelle Genovese née Carbonaro, tikkundanna lill-konvenut u s-soċjetà kjamata fil-kawża* in solidum *iħallsu lill-istess atturi flimkien is-somma komplessiva ta' elf, mija u ħmistax-il Euro u ħamsin ċenteżmu (€1,115.50), bl-imgħax mit-28 ta' Jannar 2015.***

***L-ispejjeż jitħallsu kwantu għal nofs mill-atturi u kwantu għan-nofs l-ieħor mill-konvenut u s-soċjetà kjamata fil-kawża* in solidum.**

## L-Appell Prinċipali

10. Il-konvenut Carmel Muscat ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fit-28 ta' Diċembru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tilqa' dan l-appell, tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet premessi in kwantu ddikjarat lill-konvenut Muscat responsabbli għad-danni *in solidum* mas-soċjetà kjamata fil-kawża MC Deguara Limited, u kkundannatu jħallas id-danni likwidati *in solidum* mas-soċjetà kjamata fil-kawża, bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-Avviż, u sabiex tilqa' l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut Muscat, u tiċħad it-talbiet imressqa

mill-atturi fil-konfront tal-konvenut Muscat, salv għas-somma ta' tliet mija u erbgħa u ħamsin Euro (€354) illi l-Qorti ddikjarat li huma dovuti mill-konvenut Muscat waħdu, u dan mingħajr l-applikazzjoni tal-imgħax legali ħlief mid-data tas-sentenza. Il-konvenut Muscat talab ukoll li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-appellati.

11. Fir-rikors tal-appell tiegħu il-konvenut Muscat spjega li huwa l-proprjetarju tal-fond 28/30, Triq l-Imħalla, Naxxar, u li bieb ma' bieb ma' din il-proprjetà man-naħa tal-lemin wieħed isib il-fond tal-atturi. Il-fond fejn jgħix l-attur Ronald Carbonaro huwa dak bin-numru 32A u huwa *first floor duplex,* filwaqt li l-fond bin-numru 32B huwa *maisonette* tat-tip *elevated ground floor* fejn tgħix l-attriċi Mary Carbonaro. Il-konvenut Muscat spjega li l-fond tiegħu nbena minnu stess fl-1977, u f'dak iż-żmien il-fond tal-atturi kien ukoll mibni, iżda fl-istat preċedenti tiegħu. Kompla jgħid li fis-sena 2004/2005 l-atturi waqqgħu l-fond tagħhom u żviluppawh fl-istat li jinsab fih illum, u li l-fond kif żviluppat jappoġġja mal-ħajt diviżorju eżistenti bejn il-proprjetajiet ta' Carbonaro u Muscat. Spjega li fl-2010 huwa xtaq jagħmel xi alterazzjonijiet fil-proprjetà tiegħu, u li l-perit responsabbli minn din l-applikazzjoni kien il-Perit Philip Micallef, filwaqt li l-eżekuzzjoni tax-xogħol ġiet fdata f'idejn il-kjamata fil-kawża MC Deguara Limited bħala kuntrattur. Il-konvenut Muscat kien ġie infurmat li Martin Deguara li jopera s-soċjetà MC Deguara Limited, għandu esperjenza vasta fix-xogħol tal-bini, u huwa stess kien ħadem miegħu fuq proġett kbir fil-passat. Il-konvenut Muscat qal li l-kjamata fil-kawża ħarġitlu *quotation* taħt id-direzzjoni tal-perit tiegħu, fejn ġew elenkati x-xogħlijiet u l-ispeċifikazzjonijiet relattivi, u f'April tal-2013 beda xogħol preparattiv ta'

tħammil fil-parapett tiegħu, liema xogħol sar minn ċertu Bonavia. Spjega li fis-6 ta' Ġunju, 2013 inħarġu l-*quotation* u l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom ġew inkarigati MC Deguara Limited, u qabel bdew dawn ix-xogħlijiet, fl-20 ta' Ġunju, 2013, kienet saret spezzjoni mill-Perit Micallef fil-fond tal-atturi.

12. Il-konvenut Muscat qal li l-kjamata fil-kawża bdiet ix-xogħol billi waqqgħet il-faċċata tal-proprjetà tiegħu, u filwaqt li n-nofs inqata' bil-*jigger,* il-ħitan viċin il-proprjetà tal-atturi nqatgħu bis-sega. Qal li x-xogħol tkompla mill-kjamata fil-kawża billi sar *shutter* fit-terrazzin, u saru s-soqfa tal-ewwel u tat-tieni sular, inkluż xibka u konkos. Qal li dakinhar li ngħata l-konkos iċċaqlaq ix-*shuttering* u waqa' xi konkos, wara li kien l-appellat li ċaqlaq u ħall is-saqajn tal-i*scaffolding.* Il-konvenut Muscat kompla jgħid li wara li żżarma x-*shutter,* huwa induna li l-gallerija l-ġdida kienet żviluppat *crack,* u meta ġibed l-attenzjoni tal-kjamata fil-kawża dwar dan, MC Deguara Limited irrifjutat li tkompli x-xogħlijiet qabel ma jsir ħlas komplut. Il-konvenut Muscat qal li huwa għaraf li l-kjamata fil-kawża ma kinitx qegħda tuża d-diliġenza u l-prudenza ta' *bonus paterfamilias,* u għalhekk huwa nkariga lil terzi u żarma x-*shutter,* li fil-fehma tiegħu ma kienx magħmul skont is-sengħa u l-arti. Qal li sa dan il-punt kienet tlestiet l-art tal-*penthouse* li hija appoġġ mal-livell tas-saqaf tal-*penthouse* tal-attur. Il-konvenut Muscat qal li fit-18 ta' Frar, 2014 l-attur Carbonaro irtira l-effetti ta' mandat ta' inibizzjoni wara li il-konvenut Muscat ivverbalizza l-impenn tiegħu li fir-rigward tal-kisi tal-ħajt diviżorju fuq in-naħa tal-punent tal-proprjetà tal-konvenut Muscat, kien ser jinħadem b'gaġġa b'*elevator* u li ser jitpoġġa *plastic sheeting* sabiex ma jkunx hemm titjir. Qal li Carbonaro kien

kuntent b'dan l-arranġament u għalhekk ma baqax jinsisti fuq l-effetti tal-mandat.

13. Il-konvenut Muscat kompla jgħid li min-naħa tiegħu huwa mexa ma' dak li impenja ruħhu li jagħmel fil-Mandat tal-Inibizzjoni, billi kera gaġġa, filwaqt li impenja ruħhu li jiksi u jirrimedja l-ħsara sofferta konsegwenza tal-inċident li seħħ. Qal li attur Ronald Carbonaro mhux talli ma aċċettax dan, talli insista miegħu li jneħħi l-gaġġa għaliex inkella kien ser ikun l-attur stess li jaqta' l-*wires* biċ-*chaser.* Il-konvenut Muscat qal li sussegwentement għal dan, saru diversi tentattivi sabiex il-kwistjoni tiġi riżolta bonarjament, iżda l-attur baqa' jinsisti għall-ħlas ta' somma viċin l-€10,000. Il-konvenut Muscat qal li l-Perit Tekniku Ġudizzjarju li sema' l-provi u li għamel l-aċċess, irrelata u kkonkluda li l-ħsarat fil-proprjetà attriċi attribwibbli lix-xogħlijiet li saru fil-proprjetà ta' Muscat huma dawk elenkati mill-Perit Philip Micallef fir-rapport tiegħu, u qal li l-ispejjeż riparatorji meħtieġa jammontaw għal €5,988.50. Qal ukoll li l-Perit Schembri attribwixxa r-responsabbilità għall-ħsara riskontrata mill-atturi fil-parapett lill-konvenut Muscat, filwaqt li l-kumplament tal-ħsarat ġew attribwiti lill-kjamata fil-kawża. Dwar it-titjir fuq il-ħitan, *railing* u aperturi, il-Perit Schembri kkummenta li din il-ħsara setgħet tiġi evitata li kieku l-atturi sempliċement mesħu dawn ir-*railings* u aperturi.

14. Il-konvenut Muscat kompla jgħid li l-Ewwel Qorti fil-parti l-kbira mxiet mal-konklużjonijiet li wasal għalihom il-Perit Tekniku Ġudizzjarju, għalkemm din dehrilha wkoll li kien hemm xi ħsarat li kienu responsabbli għalihom l-atturi stess, u għalhekk il-*quantum* tad-danni ġie kkwantifikat fis-somma ta' €4,451.

15. Il-konvenut Muscat qal li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti għaliex din għamlet apprezzament u applikazzjoni żbaljata tal-liġi, meta qieset u kkonsidrat li l-konvenut Muscat huwa responsabbli *in solidum* flimkien mas-soċjetà kjamata fil-kawża għall-ħsarat fil-fond 32A, Triq l-Imħalla, Naxxar, u fil-fond 32B, Triq l-Imħalla, Naxxar, u konsegwentement ikkundannat lill-konvenut Muscat iħallas l-ispejjeż likwidati *in solidum* mal-kjamata fil-kawża.

16. Il-konvenut Muscat spjega li fid-deċiżjoni tagħha l-Ewwel Qorti ddeċidiet li huwa għandu jitqies li huwa responsabbli *in solidum* flimkien mas-soċjetà kjamata fil-kawża, jiġifieri mal-kuntrattur imqabbad minnu, għall-ħsarat riskontrati fil-proprjetà tal-atturi, minħabba li dan naqas f'diversi obbligi imposti fuqu *ai termini* tad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2013 dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetà ta' Terzi Persuni, liema regolamenti kienu fis-seħħ fiż-żmien li fih saru x-xogħlijiet imsemmija. L-Ewwel Qorti ddeċidiet li bl-applikazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti, il-konvenut Muscat għandu jitqies li huwa l-iżviluppatur kif ukoll il-*manager ipso facto* tas-sit, u minħabba f'hekk il-konvenut Muscat għandu jerfa' r-responsabbilità b'mod solidali mal-kuntrattur MC Deguara Limited. L-Ewwel Qorti qalet li hija ma kinitx sodisfatta li kien ġie appuntat *site manager,* u għalhekk kellu japplika is-subregolament 5(4) tar-Regolamenti, li jgħid li fin-nuqqas ta' nomina ta' *manager* għas-sit, l-iżviluppatur ikun *ipso facto* kkonsidrat li huwa *manager* għall-finijiet tar-Regolamenti. Il-konvenut Muscat qal li l-Ewwel Qorti irrilevat li minkejja li l-Perit Karl Borg, dak iż-żmien impjegat ta' MC Deguara Limited, ikkonferma li huwa kien is-*site manager,* f'udjenza sussegwenti huwa nnega li huwa kien responsabbli sabiex ix-xogħol isir skont is-sengħa u l-arti. Il-konvenut Muscat

qal li kif jirriżulta mill-atti, l-inkarigu tal-Perit Borg għan-nom tal-kuntrattur ma kienx limitat għal-loġistika u għall-kejl tax-xogħol, iżda dan kien responsabbli għat-tfassil ta' pjan dwar kif ser isir ix-xogħol. Il-konvenut Muscat għamel riferiment għal dak li qal il-Perit Borg fix-xhieda tiegħu tal-5 ta' Diċembru, 2017, fejn qal li huwa kien *site manager* u li kien mar fuq il-post qabel beda x-xogħol sabiex ifassal programm dwar kif kellu jsir ix-xogħol. Il-konvenut Muscat qal li għalhekk l-Ewwel Qorti mingħajr raġuni skartat il-fatt li effettivament kien hemm *site manager,* sempliċement għaliex meta reġa' xehed il-Perit Borg, dan bidel fehemtu u qal li l-mod kif kellu jiġi esegwit ix-xogħol ma kienx fir-*remit* tiegħu. Il-konvenut Muscat qal li minkejja li saret din id-dikjarazzjoni da parti tal-Perit Borg, l-istess perit xehed fid-9 ta' Jannar, 2018 dwar fhiex kien jikkonsisti x-xogħol, u kien saħansitra f'pożizzjoni li jikkonferma li il-konvenut Muscat baqa' jgħix fil-fond sakemm kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet. L-istess Perit Borg ikkonferma li sar skavar fuq quddiem tal-proprjetà tal-konvenut Muscat, u li t-twaqqigħ sar fil-parti l-kbira tiegħu mis-soċjetà kjamata fil-kawża, u xehed li ttieħdu l-prekawzjonijiet waqt it-tqattigħ u s-soqfa ġew issegati, kif ukoll kien f'pożizzjoni li jikkonferma li MC Deguara Limited waqfet mix-xogħlijiet. Il-konvenut Muscat qal li għalhekk għandu jirriżulta li l-Perit Borg kien responsabbli mis-sit kif imqabbad mill-kjamata fil-kawża, u mix-xhieda tal-istess Perit, l-Ewwel Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni li dan kellu l-vesti ta' *manager* tas-sit, mhux biss għaliex kien iddikjara dan, iżda għaliex kien konsapevoli li x-xogħlijiet saru u li ttieħdu l-prekawzjonijiet kollha b'mod dettaljat, tant hu hekk li kien saħansitra infurmat bid-diżgwid li nqala' bejn il-konvenut Muscat u s-soċjetà kjamata fil-kawża. Il-konvenut Muscat qal li ma jiswiex li l-Perit Karl Borg l-ewwel iddikjara li huwa l-*manager* tas-sit, u wara

bidel fehemtu, wara li fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti xehed fil-vesti tiegħu ta' *manager*, u għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex tqis ir-retrattazzjoni tiegħu bħala fatt li wassal għall-inadempjenza tal-konvenut Muscat.

17. Il-konvenut Muscat qal li skont l-artikolu 7(1) tal-Avviż Legali 72 tal-2013, ir-responsabbilità li jiġi sottomess *method statement* hi tal-*manager* tas-sit, u li *ai termini* tal-artikolu 10, ir-responsabbilità professjonali għad-dikjarazzjoni tal-metodu tibqa' tal-Perit li jagħmilha. Il-konvenut Muscat qal li kien hu li inkariga lil MC Deguara Limited bħala kuntrattur, u li ried li l-Perit inkarigat minn MC Deguara jkun is-*site manager* sabiex jissorvelja x-xogħlijiet in kwistjoni, u li għalhekk l-obbligi naxxenti mill-Avviż Legali 72 tal-2013 ġew sodisfatti. Qal li għalhekk min-naħa tiegħu ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni jew trasgressjoni ta' dover skont il-liġi *ai termini* tal-artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili. Il-konvenut Muscat qal li fid-dawl tan-nuqqas ta' polza tal-assigurazzjoni, kien hemm nuqqas sfaċċat da parti tas-soċjetà kjamata fil-kawża in kwantu din kienet assiguratu li kien hemm polza tal-assigurazzjoni eżistenti, u li għalhekk huwa kien kopert. Il-konvenut Muscat qal li l-obbligi naxxenti mill-Avviż Legali 72 tal-2013, u li l-Ewwel Qorti attribwiet għal nuqqasijiet tiegħu, fosthom in-nuqqas ta' *method statement,* in-nuqqas ta' polza tal-assigurazzjoni u t-tħejjija ta' *condition report,* saru minnu għaliex huwa kien inkariga lis-soċjetà kjamata fil-kawża għal dan l-iskop, u għalhekk ma jistax jingħad li kien hemm *una volontaria omissione di diligenza* da parte tiegħu. Qal ukoll li minkejja li l-Ewwel Qorti għamlet riferiment għall-fatt li ma sarx *condition report* qabel inbdew ix-xogħlijiet, l-Ewwel Qorti ma ħaditx konjizzjoni tal-fatt li qabel inbdew ix-xogħlijiet prinċipali fil-proprjetà tiegħu, u li għalihom huwa ingaġġa lill-kjamata

fil-kawża, kienet saret spezzjoni mill-Perit Micallef tal-proprjetà tal-atturi, liema rapport serva mhux bħala rapport dwar il-ħsarat allegatament sofferti waqt it-tħammil tal-parapett, iżda bħala *condition report* tal-proprjetà tal-atturi qabel jibdew ix-xogħlijiet mill-kuntrattur prinċipali li kienet is-soċjetà kjamata fil-kawża.

18. Il-konvenut Muscat spjega li wara li beda x-xogħol prinċipali, kien hemm tliet ilmenti ewlenin, jiġifieri l-ħsara fil-ħajt diviżorju meta MC Deguara kienu fi stadju ta' twaqqigħ tal-parapett; ħsarat fit-terrazzin wara l-inċident tax-*shuttering,* liema inċident seħħ meta l-appellat Carbonaro ħall l-i*scaffolding* tal-ħaddiema tas-soċjetà kjamata fil-kawża, u t-titjir fuq il-ħitan, railing u aperturi meta beda jsir it-tibjid fl-aħħar fażi. Il-konvenut Muscat qal li kemm il-Perit Tekniku Ġudizzjarju kif ukoll il-Qorti, sabu li l-ħsarat riskontrati mill-atturi bħala *'damage to plaster and wall finish of party wall',* u l-ħsarat fil-*graffiato*, GR 1000, fiż-żebgħa tal-ħitan tal-bitħa interna u fir-railings u aperturi meta ċediet il-gallerija, kienu attribwibbli għax-xogħlijiet li saru minn MC Deguara Limited, iżda minkejja dan hu instab responsabbli b'mod solidali mal-kjamata fil-kawża. Qal li l-Ewwel Qorti qieset b'mod erroneju li huwa għandu jwieġeb *in solidum* mal-kjamata fil-kawża meta ġie stabbilit li l-ħsarat ulterjuri fil-ħitan interni tal-appoġġ seħħew minħabba t-tqattigħ tas-soqfa u l-alterazzjonijiet l-oħra li saru minn MC Deguara, kif ukoll li l-ħsara fil-*graffiato,* fil-GR 1000 u ħsarat konsegwenzjali saru b'konsegwenza ta' xogħlijiet imwettqa mis-soċjetà kjamata fil-kawża li ma sarux bid-diliġenza u l-prudenza ta' *bonus paterfamilias.* Il-konvenut Muscat qal li ladarba ġie kkonstatat li s-soċjetà kjamata fil-kawża hija responsabbli għal dawn ix-xogħlijiet partikolari, l-Ewwel Qorti ma kellhiex

takkorda responsabbilità lill-konvenut Muscat u lill-kjamata fil-kawża *in solidum,* iżda il-konvenut Muscat kellu jkunobbligat iwieġeb għall-ħsarat li l-Perit Tekniku Ġudizzjarju kkonkluda li saru minnu, jiġifieri l-ħsarat fil-parapett. Qal ukoll li ladarba huwa segwa d-dmirijiet statutorji imposti fuqu safejn dawn kienu fil-kontroll tiegħu, kif ukoll safejn ix-xogħlijiet saru b'mod negliġenti mis-soċjetà kjamata fil-kawża, u ssarrfu fi ħsarat kif riskontrat mill-Perit Tekniku, il-konvenut Muscat ma kellux jinstab li huwa responsabbli solidalment flimkien mal-kjamata fil-kawża.

19. It-tieni aggravju tal-konvenut Muscat huwa marbut mal-applikazzjoni tal-imgħax mid-data tan-notifika, jiġifieri b'effett mit-28 ta' Jannar, 2015, li fil-fehma tal-konvenut Muscat tikser il-prinċipju *in illiquidis non fit mora* f'ċirkostanzi fejn l-azzjoni proposta mill-konvenut Muscat kienet *da liquidarsi,* u fejn l-ammont ma kienx faċilment determinabbli. Il-konvenut Muscat qal li l-ħlas tal-imgħax ma jiskattax meta ma jkunx hemm somma determinata, bħal ma huwa l-każ meta s-somma tkun għad trid tiġi likwidata. Qal li għalhekk huwa ma jaqbilx mal-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti li t-talba tal-atturi kienet biss għall-ħlas ta' somma determinata, minkejja li l-atturi ppretendew il-ħlas tas-somma ta' €9,954.83, liema ammont fil-fehma tagħhom jirrappreżenta d-danni sofferti minnhom. Il-konvenut Muscat qal li l-atturi talbu l-ammont indikat "jew somma oħra verjuri ffissata minn din l-Onorabbli Qorti rappreżentanti danni sofferti minnhom ... b'konsegwenza tax-xogħlijiet ...", u li fuq ammont *da liquidarsi* l-ebda imgħax m'huwa dovut, u l-ebda imgħax m'huwa dovut fejn il-Qorti takkorda ammont inqas, fejn kien diffiċli jekk mhux impossibbli għad-debitur li jkun jaf x'inhu dovut mingħajr ma ssir investigazzjoni ġudizzjarja fil-

kawża. Il-konvenut Muscat qal li l-ammont ma kienx oġġettivament u faċilment determinabbli, tant hu hekk li kellu jiġi inkarigat Perit Tekniku sabiex jirrelata dwar dan, u finalment ġie stabbilit li d-danni huma ferm anqas mill-ammont pretiż mill-atturi. Il-konvenut Muscat qal li fil-fatt l-Ewwel Qorti akkordat ammont ta' danni inqas minn dak li kkonstata l-Perit Tekniku Ġudizzjarju b'riferiment għall-inċident fejn ċediet gallerija, meta l-Qorti qieset li hemm ness bejn il-fatt li l-attur bagħbas l-istruttura tax-*shuttering,* u l-kollass tal-ilqugħ meta sar il-*pouring* tal-konkrit mill-gallerija, u għalhekk iddeċidiet li l-attur appellat għandu jerfa' parti mir-responsabbilità għall-inċident li wassal biex ġiet ikkawżata ħsara fi ħwejjeġ l-attur stess. Il-konvenut Muscat qal li dawn il-fatti jsaħħu l-fehma tiegħu li minkejja li ġie indikat l-ammont pretiż mill-atturi, dan l-ammont ma jistax jitqies li kien faċilment determinabbli, speċjalment meta l-Ewwel Qorti akkordat ammont li kien ferm anqas minn hekk, minħabba r-responsabbilità tal-appellat Ronald Carbonaro, sabiex mis-sorte pretiż mill-atturi fl-ammont ta' €9,954.83, l-Ewwel Qorti akkordat sorte fl-ammont biss ta' €4,452.

20. Finalment il-konvenut Muscat qal li hu ħassu aggravat għaliex fil-fehma tiegħu hu m'għandux ibati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

*Ir-Risposta tal-Appell u l-Appell Inċidentali tal-atturi*

21. Fir-risposta tagħhom għall-appell tal-konvenut Muscat, l-atturi Carbonaro qalu li l-aggravji kif imfissra mill-konvenut Muscat m'għandhomx mis-sewwa, u fil-fehma tagħhom id-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti hija

korretta u jeħtieġ li tiġi kkonfermata, salv għall-parti tad-deċiżjoni li huma jgħidu li ħassewhom aggravati biha, kif spjegat fl-appell inċidentali mressaq minnhom.

22. L-atturi qalu li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddeċidiet li l-konvenut Carmel Muscat għandu jiġi kkundannat iħallas id- danni sofferti minnhom *in solidum* mas-soċjetà kjamata fil-kawża. Qalu li l-konvenut Muscat mhux qiegħed jappella mis-sentenza fl-intier tagħha, u minkejja li huwa qiegħed jilmenta li m'għandux jinżamm responsabbli *in solidum* mas-soċjetà kjamata fil-kawża, huwa mhux jikkontesta li l-atturi sofrew danni, u lanqas m'huwa jikkontesta l-*quantum* tad-danni. Qalu li il-konvenut Muscat lanqas m'huwa jappella mill-fatt li l-Ewwel Qorti sabitu unikament responsabbli għall-ħlas tas-somma ta' €354 rappreżentanti danni li sofra l-attur Ronald Carbonaro fil-fond 32A, Triq l-Imħalla, in-Naxxar, konsistenti fi ħsara fuq il-*graffiato finish* u l-i*stone coping* tal-parapett, u tal-faċċata tal-fond b'riżultat ta' skavar li kien sar fuq quddiem tal-proprjetà tal-konvenut Muscat. L-atturi qalu li minn qari tad-deċiżjoni appellata għandu jirriżulta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament korrett tal-provi li kellha quddiemha fir-rigward tar-responsabbilità tal-konvenut Muscat. L-atturi qalu li Carmel Muscat stess ammetta fix-xhieda tiegħu, li sakemm ġie ffirmat il-kuntratt ma' MC Deguara Limited, dawn kienu diġà għamlu xogħol ta' kostruzzjoni fil-parapett, u dan kien l-ewwel ksur ta' dmir statutorju da parti ta' Muscat. Qalu li t-tieni ksur ta' dmir statutorju tiegħu kien fil-fatt li dan m'osservax dak li jipprovdi l-Avviż Legali 72 tal-2013, liema regolamenti jassiguraw li qabel jinbeda xogħol ta' twaqqigħ ta' bini, skavar jew kostruzzjoni, perit b'kollaborazzjoni mal-*manager* tas-sit u l-kuntrattur, għandu

jipprepara l-metodoloġija li hija teknikament sikura sabiex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' ħsara lill-proprjetà ta' terzi. L-atturi qalu li jirriżulta li l-iżviluppatur, il-konvenut Muscat, kien inkariga diversi kuntratturi biex jaħdmu fuq is-sit, inkluż is-soċjetà kjamata fil-kawża, u l-perit inkarigat mill-proġett kien il-Perit Philip Micallef. Qalu li mill-provi ma rriżultax li Carmel Muscat appunta *site manager*, u fin-nuqqas ta' ħatra ta' *site manager*, l-iżviluppatur ikun *ipso facto* meqjus li huwa *site manager*. L-atturi żiedu jgħidu li r-regolamenti jistabbilixxu li s-*site manager* ikollu r-responsabbilità li jassikura li s-sit ta' żvilupp u l-attivitajiet ta' kostruzzjoni li jsiru fih, ikunu konformi mad-disposizzjonijiet tar-regolamenti. Qalu wkoll li r-regolament 5(6) jipprovdi li l-iżviluppatur għandu jieħu l-prekawzjonijiet raġonevoli kollha sabiex jassikura li l-attività ta' kostruzzjoni ma tirriżultax fi ħsara għall-proprjetajiet kontigwi. L-atturi qalu li t-tielet ksur statutorju da parti ta' Muscat kien fir-rigward tal-obbligu tal-iżviluppatur li jiżgura li x-xogħlijiet ta' demolizzjoni, skavar jew kostruzzjoni li jaqgħu taħt id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, għandhom jiġu koperti b'assigurazzjoni b'mod adegwat, sabiex ikopru kull ħsara li tiġi kkaġunata darba jew b'mod rikorrenti, lill-proprjetà ta' terzi, liema kopertura ma kellhiex tkun inqas minn €500,000. L-atturi qalu li l-konvenut Muscat stess xehed li huwa l-ewwel staqsa lill-kjamata fil-kawża, li infurmatu li assikurazzjoni waħda kienet biżżejjed, u xehed li huwa ma nsistiex fuq l-obbligu li tinħareġ polza tal-assigurazzjoni, għaliex fil-fehma tiegħu din kienet biċċa xogħol żgħira. L-atturi qalu li mill-provi ma jirriżulta minn imkien li l-kjamata fil-kawża kellha kopertura tal-assikurazzjoni u/jew li Muscat talab kopja tal-assikurazzjoni lis-soċjetà kjamata fil-kawża, li jfisser għalhekk li il-konvenut Muscat ipprefera jistrieħ fuq

l-opinjoni tiegħu u fuq dak li ġie mwiegħed minn terzi, minflok li jimxi mad-dettami tal-liġi.

23. L-atturi qalu li r-raba' ksur statutorju da parti ta' Muscat, jikkonsisti fil-fatt li l-iżviluppatur kien obbligat ukoll jagħmel garanzija bankarja, xi ħaġa li ma jirriżultax li saret. Qalu li kien hemm ksur statutorju ieħor da parti ta' Muscat safejn dan naqas li jagħmel *condition report* fir-rigward tal-proprjetà tal-atturi, u għalhekk b'kollox kien hemm ħames istanzi fejn il-konvenut Muscat kiser id-dmirijiet statutorji tiegħu taħt il-Kap. 513 u l-Avviż Legali 72 tal-2013. L-atturi ċċitaw l-artikolu 1033 tal-Kap. 16, li jgħid li *kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk*, u għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-konvenut Carmel Muscat għandu jagħmel tajjeb għall-ħsara sofferta minnhom. Żiedu jgħidu li kieku kien hemm polza tal-assikurazzjoni u/jew garanzija bankarja kif titlob il-liġi, aktarx li ma kienx ikun hemm għalfejn jinfetħu dawn il-proċeduri, għaliex kienet tiġi attivata l-polza u/jew il-garanzija bankarja. Qalu wkoll illi li kieku sar il-*condition report,* wieħed ma kienx ser ikun f'pożizzjoni li jgħid li jista' jkun li kien hemm ħsarat pre-eżistenti fil-proprjetà tal-atturi, kif qegħda tallega is-soċjetà kjamata fil-kawża u l-Perit Philip Micallef, għaliex kien ikun hemm ċertezza dwar l-istat tal-proprjetà qabel ma nbdew ix-xogħlijiet. L-atturi qalu li anki jekk jirriżulta li l-konvenut Muscat inkariga nies biex jagħmlu xogħol fil-proprjetà tiegħu, u minħabba f'dawn ix-xogħlijiet huma sofrew ħsarat, il-konvenut Muscat xorta waħda jibqa' responsabbli bħala sid il-fond fejn saru x-xogħlijiet u l-iżviluppatur tal-istess. L-

atturi sostnew li sid il-fond għandu jieħu ħsieb li l-immobbli tiegħu ma jikkawżawx ħsara lil terzi. L-atturi qalu li dan irid jingħad ukoll fil-kuntest tal-fatt li kien il-konvenut Muscat stess li meta ċeda l-mandat ta' inibizzjoni, obbliga ruħhu li fejn jiġi stabbilit minn tekniċi indipendenti li saru ħsarat fil-fond tal-atturi bħala konsegwenza tax-xogħlijiet li saru fl-iżvilupp tal-bini li sar mill-konvenut Muscat, huwa kellu jerfa' r-responsabbilità tiegħu biex jagħmel tajjeb għal din il-ħsara. L-atturi qalu li mhux talli hemm diversi rapporti ta' periti tal-partijiet li juru li huma sofrew ħsara fil-proprjetajiet tagħhom, talli anki l-Perit Philip Micallef, inkarigat mill-konvenut Muscat, elenka l-ħsarat li ġarrbet il-proprjetà tal-atturi minħabba x-xogħlijiet li saru fid-dar tal-konvenut Muscat.

24. L-atturi qalu li dawn il-konsiderazzjonijiet kollha ssemmew mill-Ewwel Qorti, li qalet ukoll li kien nuqqas gravi tal-konvenut Muscat li naqas milli jimxi ma' dak li wiegħed li jagħmel fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 197/2014, u li l-atturi jgħidu li l-konvenut Muscat m'għamel l-ebda riferiment għalih fir-rikors tal-appell tiegħu.

25. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-konvenut Muscat, l-atturi qalu li l-prinċipju *in illiquidis non fit mora* ma japplikax għaċ-ċirkostanzi odjerni, u għamlu riferiment għal diversi insenjamenti ġurisprudenzjali fejn il-Qorti ddeċidiet li jekk l-attur ikun talab il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' ammont ċert u determinat, il-kontestazzjoni u ċ-ċaħdiet tal-konvenuti huma fatturi irrilevanti għad-determinazzjoni ta' ċertezza u likwidità tal-pretiża tal-attur.

26. L-atturi qalu wkoll li t-tielet aggravju tal-konvenut Muscat huwa għal kollox frivolu u vessatorju, u dan għaliex il-konvenut Muscat ma jistax jgħid li huwa responsabbli għal danni li sofrew l-atturi minħabba xogħlijiet fid-dar tiegħu, liema xogħlijiet huwa stess wiegħed li ser jagħmel tajjeb għalihom fil-Mandat ta’ Inibizzjoni, u sussegwentement jgħid li m’għandux jinstab responsabbli għall-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri.

*L-Appell Inċidentali tal-atturi*

27. L-atturi nqdew bl-appell prinċipali intavolat mill-konvenut Carmel Muscat, sabiex *ai termini* tal-artikolu 240 tal-Kap. 12, iressqu l-appell inċidentali tagħhom, fejn fl-ewwel lok qalu li huma ħassewhom aggravati għaliex l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta naqset il-kumpens dovut lilhom, u attribwiet terz tar-responsabbilità lill-attur Ronald Carbonaro għall-event dannuż li seħħ meta ċeda s-*side shuttering,* waqt li l-konvenut Muscat kien qed jagħti l-konkos lis-saqaf tat-tieni sular, u barra minn hekk naqset il-kumpens għaliex l-appellat Ronald Carbonaro naqas milli jħares l-obbligu tiegħu ta’ mitigazzjoni ta' danni.

28. L-atturi spjegaw li d-danni oriġinarjament kienu jammontaw għal €9,954.83, u wara li nstemgħu l-provi u ħareġ ir-rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri, dan ikkonkluda li d-danni jammontaw għal €5,988.50 (inkluż il-VAT), bl-esklużjoni tal-ispejjeż legali. L-atturi qalu li quddiem l-Ewwel Qorti huma straħu fuq ir-rapport tal-Perit Tekniku Ġudizzjarju u r-relazzjoni tiegħu, u ddikjaraw li huma jħossu li l-ammont li wasal għalih il-Perit Tekniku Ġudizzjarju huwa ġust u ekwu, u jirrispekkja l-valur tal-ħsara sofferta fil-proprjetajiet tagħhom. L-atturi qalu li l-Ewwel Qorti iżda naqqset dan l-ammont ulterjorment

għal €4,451 fir-rigward taż-żewġ proprjetajiet mertu ta' dawn il-proċeduri għaliex qieset li kien hemm element ta' kontributorjetà meta ċeda s-*side shuttering,* u l-appellat Ronald Carbonaro naqas milli jimmitiga l-ħsara. L-atturi qalu li d-diskrepanza fil-valur tad-danni mhijiex waħda li tikkonċerna l-likwidazzjoni tad-danni, għaliex minn qari tas-sentenza tal-Ewwel Qorti huwa evidenti li l-Ewwel Qorti laqgħet l-istimi u l-valutazzjonijiet magħmula mill-Perit Tekniku Ġudizzjarju. Qalu li d-diskrepanza ta' €1,537.50 tinsab fl-ammont ta' danni li l-Ewwel Qorti qieset li għandu jbati l-appellat Ronald Carbonaro minħabba n-nuqqas tiegħu meta ċeda s-*side shuttering.* L-atturi qalu li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li dan l-ammont kellu jitnaqqas mill-kumpens għall-ħsara sofferta minnhom, u indirettament ippremjat għalhekk lill-konvenut Muscat u lill-kjamata fil-kawża għan-nuqqasijiet tagħhom.

29. L-atturi għamlu riferiment għar-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri, senjatament għall-parti tar-rapport fejn jintqal li min rama x-*shuttering* ma tahx irbit adegwat u b'hekk ċeda l-istess *shuttering.* Fir-rapport intqal li x-xogħol kien esklussivament f'idejn il-soċjetà kjamata fil-kawża, u għalhekk isegwi li l-ħsara kkaġunata minn dan l-inċident hija attribwibbli għall-operat ta' din is-soċjetà. Ir-rapport ikompli jgħid li min rama x-*shuttering* kien ġie infurmat li Ronald Carbonaro mess is-*supporting jacks,* u kien għalhekk li l-Perit Schembri kkonkluda li ladarba din il-persuna kienet avżata, iżda ppersistiet bix-xogħol, il-ħsarat ikkaġunati meta ċediet il-gallerija għandha twieġeb għalihom is-soċjetà kjamata fil-kawża. Fir-risposti in eskussjoni, l-istess Perit Schembri qal li s-*supervisor* tax-xogħol kellu jerġa' jivverifika s-sodizza tax-*shutter* u l-*propping* tiegħu qabel beda l-*pouring* tal-konkos. L-atturi qalu li Carmel Muscat kien

meqjus li huwa s-*site manager* skont il-liġi, u fis-seduta tat-23 ta' Frar, 2016 dan xehed li huwa kien ġibed l-attenzjoni tal-*foreman* ta' Deguara diversi drabi biex isaħħaħ l-irfid għaliex il-konkos kien għoli ta' 30 ċentimetru, u ftit qabel ġara l-inċident dakinhar li ngħata l-konkos, l-appellat Carbonaro kien ħareġ fuq it-taraġ ta' barra u infurmahom li kien qala' s-saqajn tal-*iscaffolding.* L-atturi qalu li għaldaqstant l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li Carmel Muscat u/jew il-kjamat fil-kawża ma kinux mgħarrfa li ntmessu s-saqajn tal-*iscaffolding*, għaliex kien Carmel Muscat innifsu li ammetta dan. Qalu li kemm il-konvenut Muscat kif ukoll is-soċjetà kjamata fil-kawża kienu jafu li l-atturi ma ridux dan l-armar fuq il-proprjetà tagħhom, kif ukoll kienu jafu bit-tbagħbis li sar fuq l-armar. L-atturi qalu li huma min-naħa tagħhom qatt ma taw permess lil ħadd jarma l-i*scaffolding* fuq il-proprjetà tagħhom. Żiedu jgħidu li minkejja li l-Ewwel Qorti qalet li ġie stabbilit ness bejn it-tbagħbis da parti tal-atturi u l-kollass tal-ilqugħ meta sar il-*pouring* tal-konkrit tal-gallerija, il-Perit Schembri fir-rapport tiegħu qal li huwa ovvju li min rama x-*shuttering,* ma tahx irbit adegwat u kien għalhekk li dan ċeda. Il-Perit Schembri spjega wkoll li dan ix-xogħol kien esklussivament f'idejn is-soċjetà kjamata fil-kawża, u għalhekk għandu jsegwi li l-ħsara kkaġunata minn dan l-inċident hija attribwibbli lill-operat tal-istess soċjetà. Qalu li għalhekk għandu jirriżulta li r-responsabbilità għal dan l-inċident għandha tinġarr mill-konvenut Muscat, u mis-soċjetà kjamata fil-kawża solidalment bejniethom, u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta attribwiet terz tar-responsabbilità lill-atturi. Qalu wkoll li fi kwalunkwe każ, terz tar-responsabbilità meta huma sofrew biss ħsarat u telf ta' flus, huwa ammont esaġerat.

30. L-atturi għamlu riferiment għall-parti tas-sentenzatal-Ewwel Qorti fejn ingħad li l-appellat Ronald Carbonaro seta' mmitiga l-ħsara permezz tal-intervent tempestiv tiegħu. Qalu li huma ma jaqblux ma' dan għaliex kif jirriżulta mill-provi, kemm il-konvenut Muscat, kif ukoll is-soċjetà kjamata fil-kawża, wegħdu lill-atturi li kienu sejrin inaddfu immedjatament. L-atturi qalu li lilhom ħadd ma tahom struzzjonijiet biex inaddfu jew jagħmlu xi ħaġa wara li waqa' l-konkos fil-proprjetà tagħhom, u mix-xhieda ta' Ronald Carbonaro għandu jirriżulta li huwa qal li ma setax ineħħi dik il-kwantità ta' konkos għaliex ma kellux għodda biex jagħmel dan. L-atturi qalu li huma ngħataw struzzjonijiet speċifiċi mingħand Carmel Muscat li kien ser isir it-tindif kif seħħ l-inċident. Qalu li huma ppruvaw jgħinu kemm jistgħu, iżda skont l-informazzjoni li ngħataw, Carmel Muscat jew is-soċjetà kjamata fil-kawża kellhom jagħmlu x-xogħol meħtieġ. Qalu wkoll li meta ċeda s-*side shuttering* intiż għall-kostruzzjoni ta' saqaf, ma niżlux biss ftit millimetri tat-taħlita, iżda ammont ta' litri li baqgħu neżlin u għalhekk huwa loġiku li persuna waħedha ma setgħetx tlaħħaq mat-tindif meħtieġ. L-atturi qalu li għalhekk il-konvenut Muscat u s-soċjetà kjamata fil-kawża għandhom jagħmlu tajjeb għas-somma ta' €5,988.50, u l-atturi m'għandhom iġorru l-ebda responsabbilità għal dak li seħħ u għall-ħsara sofferta minnhom, u għalhekk l-ammont dovut lill-attur Ronald Carbonaro fir-rigward tal-proprjetà 32A, Triq l-Imħalla, Naxxar għandu jiżdied b'€912.50 għal €4,248, filwaqt li l-ammont dovut lill-atturi fir-rigward tal-proprjetà 32B għandu jiżdied b'€625 għal €1,740.50.

31. Permezz tat-tieni aggravju fl-appell inċidentali tagħhom, l-atturi jgħidu li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li fil-konfront tal-konvenut Carmel

Muscat u tal-kjamata fil-kawża, l-imgħax kellu jibda jiddekorri mit-28 ta' Jannar, 2015, jiġifieri mid-data meta saret in-notifika tal-kjamata fil-kawża, għaliex fil-fehma tagħhom l-imgħax kellu jibda jiddekorri mid-data tal-preżentata tal-avviż promutur lill-konvenut Muscat. Żiedu jgħidu li f'każ li din il-Qorti ma tilqax dan l-aggravju, l-imgħaxijiet kellhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika ta' kull parti, jiġifieri mit-12 ta' Novembru, 2014 fil-każ tal-konvenut Muscat u mit-28 ta' Jannar, 2015 fil-każ tal-kjamata fil-kawża. L-atturi għamlu riferiment għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Albert Mallia *vs.* Albert Camilleri et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-1 ta' Diċembru, 2014, fejn il-Qorti qalet li meta l-ammont jiġi indikat fl-att taċ-ċitazzjoni, huwa permissibbli li l-Qorti tordna li fuq dak l-ammont, jew fuq ammont inferjuri għal dak indikat, l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tal-preżentata tal-att taċ-ċitazzjoni. Żiedu jgħidu li l-artikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi li meta l-obbligazzjoni ma tkunx ta' natura kummerċjali, l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu minn dakinhar li ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju. Qalu li dan is-subartikolu ftit iħalli lok għall-interpretazzjoni, u t-termini li "minn dakinhar li ssir is-sejħa b'att ġudizzjarju", għandhom jiġu interpretati bħala li jirreferu għad-data meta jiġi intavolat l-att ġudizzjarju, għaliex huwa b'dak l-att li ssir is-sejħa lill-kontroparti sabiex jidher quddiem il-Qorti. L-atturi żiedu jgħidu li dan huwa l-uniku poter li għandu l-attur, għaliex l-ipproċessar u n-notifiki tal-atti huwa sa ċertu indipendenti mill-volontà tal-attur, fis-sens li huma l-uffiċjali tal-Qorti li jridu jkunu responsabbli u jassiguraw li l-att ġudizzjarju jiġi debitament ipproċessat u notifikat. Qalu li "is-sejħa b'att ġudizzjarju" għalhekk għandha tinftiehem li huwa l-mument li fih tiġi ippreżentata s-sejħa ġudizzjarja, jiġifieri l-mument li fih tiġi istitwita l-kawża u debitament reġistrata. Qalu li fi kwalunkwe każ l-Ewwel Qorti kienet żbaljata

meta ddeċidiet li l-imgħax fil-konfront tal-konvenut Muscat u fil-konfront tal-kjamata fil-kawża, għandu jiddekorri mill-istess jum, jiġifieri mit-28 ta' Jannar, 2015, u dan għaliex filwaqt li din id-data tirreferi għall-jum li fih saret in-notifika tal-kjamata fil-kawża, għandu jirriżulta li l-konvenut Muscat Carmel Muscat ġie notifikat ferm qabel, jiġifieri fit-12 ta' Novembru, 2014.

32. Fit-tielet aggravju tagħhom l-atturi jsostnu li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ordnat li l-ispejjeż għandhom jitħallsu kwantu għal nofs mill-attur Ronald Carbonaro, u n-nofs l-ieħor mill-konvenut Muscat u l-kjamata fil-kawża *in solidum,* u dan għaliex dan l-addebitament la ġie ġustifikat fis-sentenza tal-Ewwel Qorti u lanqas seta' jiġi ġustifikat. Spjegaw li l-kawża odjerna kellha bħala skop tagħha li l-atturi jiġu kkumpensati għad-danni u għall-ħsarat kollha sofferti minnhom minħabba x-xogħlijiet li saru fil-fond tal-konvenut Carmel Muscat, għal liema danni ġew ikkundannati jagħmlu tajjeb Carmel Muscat u l-kjamata fil-kawża. L-atturi jgħidu li huma qegħdin jappellaw mill-parti tad-deċiżjoni li sabet li b'xi mod huma għandhom jinżammu responsabbli għal parti mid-danni sofferti minnhom. Żiedu jgħidu li ma jistgħux jifhmu għal liema raġuni, wara li ġie ppruvat li huma sofrew danni fil-proprjetà tagħhom minħabba żvilupp fil-proprjetà tal-konvenut Muscat, u wara li bl-ebda mod ma jista' jingħad li huma għamlu gwadann jew qliegħ minnu, u wara li dawn ix-xogħlijiet issarrfu fi problemi, ħsarat, spejjeż, diffikultajiet u snin ta' litigazzjoni, issa jinsabu li għandhom ibatu 50% tal-ispejjeż inkorsi mill-partijiet kollha. L-atturi qalu li b'din id-deċiżjoni u b'dak li eventwalment jirriżulta mit-taxxa uffiċjali, jista' jagħti l-każ li huma jintalbu jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż inkorsi mill-partijiet l-oħra, u ħadd ma jagħmel tajjeb għall-ispejjeż inkorsi minnhom fi proċeduri li l-

atturi ntavolaw sabiex jiġu kkumpensati għad-danni sofferti, u għal liema talbiet kellhom jingħataw raġun.

33. L-atturi qalu li mill-fatti kif seħħew għandu jirriżulta li l-konvenut Muscat u s-soċjetà kjamata fil-kawża kienu responsabbli għad-danni sofferti minnhom l-atturi. Żiedu jgħidu li huma qatt ma kellhom jinstabu responsabbli għal xi parti mill-ħsara għaliex ix-xogħlijiet saru esklussivament fuq struzzjonijiet u fi proprjetà tal-konvenut Carmel Muscat, u bl-intervent tas-soċjetà kjamata fil-kawża. Qalu li wara li fetħu l-kawża minħabba l-ħsarat sofferti minnhom, qegħdin jintalbu jħallsu 50% tal-ispejjeż. L-atturi ċċitaw l-artikolu 223(1) tal-Kap. 12, li jgħid li *"[k]ull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż"*, u minn ħarsa lejn il-provi u lejn is-sentenza nnifisha, għandu jkun evidenti li l-atturi ma jistgħux jitqiesu bħala 'telliefa' f'din il-kawża, u li t-telliefa huma il-konvenut Muscat u s-soċjetà kjamata fil-kawża. Qalu wkoll li l-artikolu 223(3) tal-Kap. 12 jistipula li l-Qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, imma dan is-sub-inċiż ma ġiex applikat fil-każ odjern, għaliex l-Ewwel Qorti ma ordnatx li l-partijiet għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom, għaliex li kieku ġie ordnat dan, Carmel Muscat u l-kjamata fil-kawża kienu jbatu 100% tal-ispejjeż. L-atturi qalu li anki jekk ma jintlaqax l-ewwel aggravju tagħhom, l-attribuzzjoni ta' parti mill-ispejjeż lilhom tibqa' waħda mhux ġustifikata, u dan mhux biss għaliex l-artikolu 223(3) tal-Kap. 12 jagħmilha ċara li hija l-parti telliefa li għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż, iżda wkoll għaliex jekk wieħed jaqbad is-somma kif likwidata mill-Ewwel Qorti, jirrealizza li s-somma ta' €4,451 hija 74.33% ta' €5,988.50, u għalhekk semmai l-atturi kellhom jagħmlu tajjeb għal kwart tal-ispejjeż, filwaqt li l-konvenut Carmel

Muscat u l-kjamata fil-kawża kellhom jagħmlu tajjeb għal tliet kwarti tal-ispejjeż.

*Ir-Risposta ta' MC Deguara Limited għall-appell inċidentali tal-atturi*

34. Is-soċjetà kjamata fil-kawża wieġbet għall-appell inċidentali intavolat mill-atturi billi qalet li l-appell inċidentali u l-aggravji sollevati mill-atturi m'għandhomx mis-sewwa, u għalhekk għandhom jiġu miċħuda minn din il-Qorti. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-atturi, is-soċjetà kjamata fil-kawża qalet li dan mhux każ fejn l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi, u għalhekk m'hemmx lok fejn l-apprezzament li sar għandu jiġi disturbat. Is-soċjetà kjamata fil-kawża qalet li wara li l-Ewwel Qorti sabet li hemm ness bejn it-tbagħbis tal-*jack* da parti tal-attur Ronald Carbonaro u l-ħsara li segwiet wara, l-unika ħaġa li kellha tiġi stabbilita kienet jekk l-istess Ronald Carbonaro kellux iwieġeb għall-ħsara li kkonsegwiet l-aġir tiegħu. L-atturi qalu li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta allokat terz tar-responsabbilità lil Ronald Carbonaro, u sostniet li dan kellu jiġi allokat sehem akbar mir-responsabbilità. Qalet li l-aġir ta' Carbonaro seta' kellu konsegwenzi ferm agħar għaliex bl-aġir tiegħu dan ipperikola ħajtu u saħħet in-nies li kienu qed jagħtu l-konkos, kif ukoll tal-ġirien. Is-soċjetà kjamata fil-kawża qalet li hija taqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li ma ġiex ippruvat sodisfaċentement li qabel tat il-konkos, is-soċjetà kjamata fil-kawża ġiet infurmata li sar attentat ta' tbagħbis tal-istruttura tal-*iscaffolding* da parti ta' Ronald Carbonaro, u li tali prova kellha tinġieb mill-atturi nfushom. Is-soċjetà kjamata fil-kawża qalet li skont ix-xhieda tiegħu, Ronald Carbonaro kien qiegħed jilmenta dwar il-fatt li parti mill-istruttura saret fuq il-bejt tiegħu,

u mhux li huwa kien informa lill-kjamata fil-kawża li huwa kien ipprova jħoll il-*jack.*

35. Is-soċjetà kjamata fil-kawża qalet li hija ma tistax tifhem l-ilment tal-atturi fit-tieni parti tal-ewwel aggravju tagħhom, għaliex id-danneġġjat għandu obbligu, u mhux għażla, li jagħmel dak kollu li raġonevolment għandu jagħmel sabiex jimmitiga d-danni, u f'każ li dan jonqos milli jagħmel dak li huwa raġonevolment mistenni minnu, ma jistax jippretendi li d-danneġġjant jagħmel tajjeb għan-nuqqas tiegħu. Żiedet tgħid li mill-provi ma jirriżultax li l-atturi Carbonaro ppruvaw jimminimizzaw id-danni, u kienu n-nies tagħha li ppruvaw ineħħu l-*bulk* tal-konkrit li waqa' fil-proprjetà tal-atturi, u wara l-intervent tal-ħaddiema tagħha, kien għad fadal biss titjir mal-ħitan u mar-*railings,* li seta' faċilment tneħħa mill-atturi Carbonaro b'sempliċement ħasla u mesħa. Żiedet tgħidu li dwar dan kien ċar l-Perit Tekniku Ġudizzjarju wkoll, li qal li ma kienx hemm bżonn xi għodda partikolari biex isir it-tindif meħtieġ.

36. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-atturi, is-soċjetà kjamata fil-kawża qalet li t-talbiet attriċi kienu għall-ħlas ta' danni allegatament subiti mill-atturi, u għalhekk l-ammont reklamat la kien ċert u lanqas likwidu. Qalet li għalhekk l-Ewwel Qorti ħasset il-ħtieġa li tappunta Perit Tekniku sabiex jassistiha fid-determinazzjoni tagħha tal-kwistjoni bejn il-partijiet, iżda f'xi aspetti qgħaditx mal-konklużjonijiet li wasal għalihom il-Perit Tekniku. Qalet li dan qiegħed jingħad sabiex jiġi enfasizzat li l-*quantum* tas-sorte li ġie likwidat, la kien determinat u lanqas faċilment determinabbli. Qalet li anki fuq l-istregwa tal-prinċipju *in illiquidis non fit mora,* l-imgħaxijiet ma kellhomx jibdew jiddekorru ħlief mid-data tas-sentenza għaliex qabel dik id-data ma kienx possibbli għaliha

li tkun taf b'dak li ser ikun dovut minnha. Żiedet tgħid li l-aggravju tal-atturi li l-imgħaxijiet kellhom jibdew jiddekorru mid-data tal-preżentata tal-avviż, lanqas ma jreġġi fil-konfront tagħha, għaliex hija ma kinitx indikata bħala konvenuta fuq l-istess avviż, u għalhekk l-avviż ma setax jiġi meqjus bħala talba ġudizzjarja fil-konfront tagħha.

37. Is-soċjetà kjamata fil-kawża qalet li lanqas it-tielet aggravju ma jreġi u m'għandux jiġi milqugħ. Qalu li l-atturi qegħdin jilmentaw mill-fatt li qegħdin jiġu akkollati b'nofs l-ispejjeż, meta fil-fehma tagħhom l-Ewwel Qorti tathom raġun u ordnat lill-konvenut Muscat u lill-kjamata fil-kawża jħallsu d-danni. Is-soċjetà kjamata fil-kawża qalet li l-atturi qegħdin jinsew li t-talba mressqa minnhom kienet għas-somma speċifika ta' €9,954.83, iżda finalment l-Ewwel Qorti llikwidat l-ammont dovut lill-atturi f'ammont ferm iżgħar, ċjoé fis-somma ta' €4,451, li huwa inqas minn nofs l-ammont reklamat. Qalet li kienu l-atturi li ffissaw l-ammont minnhom mitlub fl-avviż tagħhom, u anke li kieku l-Ewwel Qorti straħet fuq il-konstatazzjonijiet kollha tal-Perit Tekniku Ġudizzjarju, xorta waħda l-ammont li kien jiġi likwidat kien sostanzjalment inqas minn dak pretiż mill-atturi fl-avviż tagħhom. Qalet li għalhekk huwa evidenti li l-atturi qegħdin jippruvaw japprofittaw ruħhom miċ-ċirkostanzi, meta permezz tal-avviż *de quo* ippretendew is-somma ta' €9,954.83, jiġifieri iżjed mid-doppju ta' dak li ġie eventwalment likwidat. Is-soċjetà kjamata fil-kawża qalet li għalhekk dak li qegħdin jgħidu l-atturi li hija ħarġet telliefa, m'għandux mis-sewwa għaliex it-talba tal-atturi għall-ħlas ta' €9,954.83 ġiet miċħuda, u ntlaqgħet biss limitatament fis-somma ta' €4,451.

*Ir-Risposta tal-konvent Carmel Muscat għall-appell inċidentali tal-atturi*

38. Il-konvenut Muscat fir-risposta tiegħu qal li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li l-kontributorjetà hija ravviżibbli meta persuna li tallega li ssubiet xi danni, b'xi mod tkun ikkontribwiet għad-danni reklamati minnha stess, meta din tkun naqset minn xi obbligu jew rabta dettata mil-liġi. Qal li l-Ewwel Qorti, filwaqt li qieset dak li ġie kkonstatat mill-Perit Schembri għal dak li għandu x'jaqsam mar-responsabbilità tas-soċjetà kjamata fil-kawża, ikkonkludiet li l-aġir dannuż tal-attur Ronald Carbonaro ma setax iwassal biex Carbonaro nnifsu ma jerfax parti mir-responsabbilità għall-inċident li wassal għad-danni li qiegħed jirreklama Carbonaro stess. Il-konvenut Muscat qal li huwa ma jistax ma jirrilevax li l-aġir ta' Carbonaro seta' wassal għal danni aktar gravi minn dawk li qegħdin jiġu reklamati, fejn dan l-aġir seta' saħansitra sewa l-ħajja ta' bniedem. Il-konvenut Muscat qal li kemm il-Perit Tekniku Ġudizzjarju, kif ukoll l-Ewwel Qorti, irrikonoxxew li r-responsabbilità li l-i*scaffolding* ikun armat b'mod sigur ma kinitx tal-konvenut Muscat, iżda tas-soċjetà kjamata fil-kawża, u fi kwalunkwe każ huwa ħa l-prekawzjoni li javża lill-*foreman* biex isaħħaħ l-irfid.

39. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-atturi, il-konvenut Muscat qal li huwa fl-ebda waqt ma xehed li f'xi ħin huwa waqqaf lil Carbonaro milli jnaddaf ir-*railings* u l-*aluminium* tiegħu, jew li f'xi ħin huwa tah struzzjonijiet biex ma jmiss xejn. Qal li min jirreklama d-danni għandu l-obbligu li jimminimizza d-danni u li jagħmel dak kollu li huwa raġonevoli biex inaqqas il-ħsara. Qal li fil-każ odjern diġà ngħad li sempliċi reazzjoni da parti tal-atturi, kienet tnaqqas id-danni allegatament subiti.

40. B'riferiment għall-aggravju dwar id-data minn meta għandu jibda jgħodd l-imgħax, il-konvenut Muscat qal li l-imgħax dejjem jiġi akkordat, fejn is-somma reklamata tkun determinabbli, mid-data tan-notifika tal-att ġudizzjarju, għaliex it-test tal-liġi jispeċifika li għandha ssir is-sejħa u mhux sempliċiment l-intavolar ta' att ġudizzjarju. Qal li r-raġuni għal dan hija li d-debitur għandu jkun jaf kemm huwa l-ammont pretiż mill-kreditur, u l-imgħax għandu jiskatta minn hemm. Qal li dan jista' jsir biss fejn id-debitur ikun notifikat b'din il-pretensjoni. B'riferiment għall-allegazzjoni li huwa ġie notifikat qabel is-soċjetà kjamata fil-kawża, il-konvenut Muscat qal li huwa ma setax ikun a konoxxenza tal-ammont likwidu li kellu jitħallas minnu u/jew mill-kjamata fil-kawża, għaliex l-atturi ma indikawx min kellu jħallas liema ammont, u għalhekk ma jkunx ġust u ekwu li l-imgħaxijiet jibdew jiddekorru minn dakinhar li ġie notifikat hu. Qal li dan l-argument jikkombaċja mat-tieni aggravju tiegħu, li l-ammont reklamat ma kienx likwidu, u kien saħansitra jeħtieġ stħarriġ tekniku sabiex jiġi deċiż kemm kien l-ammont tal-kumpens u r-responsabbilità *o meno* tal-konvenut Muscat u tas-soċjetà kjamata fil-kawża. Il-konvenut Muscat qal li l-ammont ma kienx faċilment u oġġettivament determinabbli, tant hu hekk li ġie inkarigat Perit Tekniku mill-Qorti sabiex jirrelata dwar dan, u finalment ġie stabbilit li l-ammont ta' danni għandu jkun ferm anqas mis-somma pretiża mill-atturi. Il-konvenut Muscat qal li ladarba l-Ewwel Qorti ddeċidiet li s-sorte għandu jiġu likwidati fl-ammont ta' €4,451, ma jkunx ġust u ekwu li l-imgħax fuq id-danni jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-Avviż lill-konvenut Carmel Muscat jew mid-data tal-preżentata tal-att ġudizzjarju.

41. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-atturi dwar l-apporzjonament tal-ispejjeż, il-konvenut Muscat qal li l-Qrati tagħna jabbraċċjaw il-prinċipju li l-ispejjeż għandhom jiġu akkordati abbażi tal-ekwità u l-ġustizzja, skont il-każ u kif opportun. Qal li għalkemm it-talbiet attriċi ġew milqugħa parzjalment, l-Ewwel Qorti ma setgħetx tinjora l-fatt li l-attur Ronald Carbonaro ta' lok għall-inċident b'mod malizzjuż, u għalhekk huwa għandu jerfa' parti mir-responsabbilità għall-ħsara riżultanti minn dan l-inċident. Qal li għalhekk ċertament li ma jkunx ġust li ladarba l-appellat Carbonaro ġie assenjat parti mill-ħtija għall-akkadut u nstab li kkawża d-danni, dan ma jweġibx għal parti mill-ispejjeż flimkien mal-atturi l-oħra fil-kawża. Żied jgħid li ma jistax jingħad li huwa jew il-kjamata fil-kawża huma 'telliefa', għax l-Ewwel Qorti ddeċidiet li għal parti mid-danni reklamati għandu jwieġeb wieħed mill-atturi stess.

*Ir-Risposta tas-soċjetà kjamata fil-kawża għall-appell tal-konvenut Carmel Muscat u l-appell inċidentali tal-atturi*

42. Is-soċjetà imsejħa fil-kawża wieġbet li l-ewwel aggravju tal-konvenut Muscat Muscat huwa msejjes fuq l-allegazzjoni li l-Perit Karl Borg kien responsabbli mis-sit, u li ladarba l-Perit Borg kien il-*manager* tas-sit, dan kellu r-responsabbilità għall-*method statement.* Is-soċjetà imsejħa fil-kawża qalet li r-Regolament 5(3) tal-Avviż Legali 72 tal-2013 jgħid li l-iżviluppatur għandu jinnomina *manager* tas-sit u jissottometti d-dettalji ta' din il-persuna lid-Direttur. Dan ir-regolament jgħid ukoll li l-iżviluppatur għandu jissottometti dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni debitament iffirmata mill-*manager* tas-sit li huwa jkun intrabat li jaċċetta dan ir-rwol u li ser josserva d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti. Qalet li jekk verament huwa l-każ li Carmel Muscat kien inkariga

lill-Perit Karl Borg sabiex ikun *site manager,* kien jinkombi unikament fuq l-istess Carmel Muscat li jġib prova bil-miktub li l-Perit Karl Borg aċċetta dan ir-rwol, kif ukoll li jinnotifika din il-ħatra lid-Direttur responsabbli għall-Uffiċċju tar-Regolamentar tal-Bini. Qalet li dan ma sarx mill-konvenut Muscat, u li dan tal-aħħar ma jista' jimputa dan in-nuqqas lil ħadd ħlief lilu nnifsu. Qalu wkoll li mill-provi ma jirriżultax li kien hemm xi ftehim bejn il-konvenut Muscat u l-Perit Borg sabiex dan tal-aħħar jaġixxi ta' *site manager* jew jipprepara *method statement,* u jekk kien hemm prova dwar dan, kienet toħroġ mix-xhieda, inkluż kemm kienet ir-rimunerazzjoni finanzjarja li kellu jirċievi l-Perit Borg għal dan ix-xogħol. Qalet li r-rwol ta' *site manager* iġib miegħu responsabbilitajiet ċivili u potenzjalment anki penali, u għalhekk għandu jkun mifhum li ħadd m'huwa ser jaċċetta dan l-inkarigu mingħajr korrispettiv adegwat.

43. Is-soċjetà imsejħa fil-kawża qalet li hija ma kinitx l-unika kuntrattur li ħadem fuq is-sit, u hija bdiet taħdem fuq is-sit madwar xahrejn wara li sar xogħol ta' skavar fil-parapett minn ċertu Bonavia, li tqabbad direttament mill-konvenut Carmel Muscat. Qalet li wara li ntemm l-appalt tagħha, kien għad fadal xogħol ieħor ta' kostruzzjoni x'isir, kif ukoll xogħol ta' *finishes* u kisi, liema xogħol sar minn kuntratturi u ħaddiema oħra. Qalet illi jekk Carmel Muscat kien verament attent biex josserva l-obbligi tiegħu naxxenti mill-Avviż Legali 72 tal-2013, dan kien jindika min kien is-*site manager* waqt it-tqattigħ u l-iskavar li ppreċeda l-inkarigu mogħti lilha, kif ukoll kien jindika min ġie appuntat *site manager* wara li l-inkarigu tagħha intemm. Qalet li l-konvenut Muscat dwar dan ma qal xejn, la fil-provi u lanqas fis-sottomissjonijiet tiegħu, u dan jindika kemm il-konvenut Muscat injora għal kollox l-obbligu li jappunta *site manager,* u

qiegħed jipprova jistaħba wara l-Perit Karl Borg sabiex jeżimi ruħhu mir-responsabbilitajiet tiegħu skont il-liġi.

44. Is-soċjetà imsejħa fil-kawża kompliet tgħid li jekk il-Perit Karl Borg fil-fatt kien ġie appuntat sabiex jaġixxi bħala *site manager,* il-konvenut Carmel Muscat kellu jitlob il-kjamata fil-kawża tal-Perit Borg sabiex dan ikun jista' jerfa' r-responsabbilità għall-*method statement,* jew in-nuqqas tiegħu, li l-konvenut Muscat jinsisti li kellu jħejji l-Perit Borg. Is-soċjetà imsejħa fil-kawża qalet li jekk il-konvenut Muscat verament kellu dan il-ftehim mal-Perit Borg, tali ftehim huwa *res inter alios acta* għaliha, u hija la tibbenefika u lanqas tirrispondi għal tali ftehim li l-konvenut Muscat jgħid li laħaq mal-Perit Borg. Qalet li mill-provi rriżulta li l-Perit Borg xehed li meta bdew ix-xogħlijiet, huwa kien għadu ma kisibx il-*warrant* ta' perit, u li kien qiegħed biss jipprattika mas-soċjetà kjamata fil-kawża, u għalhekk la l-Perit Borg u lanqas is-soċjetà kjamata fil-kawża ma setgħu ġew inkarigati biex jippreparaw il-*method statement* li kien responsabbilità tal-iżviluppatur. Qalet li dan il-*method statement* kellu mhux biss ikun ippreparat, iżda anki jiġi ppreżentat lid-Direttur fl-Uffiċċju għar-Regolamentar tal-Bini, xejn anqas minn tmien ġimgħat qabel bdew ix-xogħlijiet fuq is-sit. Qalet li qabel ma hija ngħatat l-inkarigu, kien diġà nbeda ix-xogħol ta' skavar fuq is-sit, li kien ilu li nbeda madwar xahrejn, u għalhekk il-*method statement* kellu jkun lest u ppreżentat lid-Direttur fl-Uffiċċju għar-Regolamentar tal-Bini ferm qabel ġiet avviċinata u inkarigata s-soċjetà kjamata fil-kawża.

45. B'riferiment għar-rekwiżit ta' kopertura permezz ta' polza tal-assigurazzjoni, l-appellata qalet li r-regolament 6(1) tal-Avviż Legali 72 tal-2013

jgħid li l-iżviluppatur għandu jiżgura li xogħlijiet ta' demolizzjoni, skavar jew kostruzzjoni li jaqgħu taħt id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, għandhom ikunu assigurati b'mod xieraq u adegwat sabiex ikopru kull ħsara li tiġi kkaġunata darba jew b'mod rikorrenti fil-proprjetà ta' terzi, u li tali assigurazzjoni m'għandhiex tkun għal ammont inferjuri għal €500,000. Qalet li hawn ukoll il-konvenut Muscat naqas milli jonora l-obbligu legali tiegħu bħala żviluppatur, li jassigura li tali assigurazzjoni ssir, u minflok ipprova jaddossa l-ħtija tiegħu fuq l-imsejħa fil-kawża. Qalet li fi kwalunkwe każ l-konvenut Muscat kellu jipprova li huwa kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni kemm għax-xogħol li sar qabel ġiet inkarigata hi, kif ukoll wara, liema prova baqgħet qatt ma saret.

46. Is-soċjetà msejħa fil-kawża qalet li anki l-obbligu li jsir *condition report* kien jinkombi fuq il-konvenut Muscat bħala żviluppatur, partikolarment meta x-xogħlijiet fil-fond kienu ilhom li bdew minn terzi mqabbda minn Muscat innifsu għal aktar minn xahrejn qabel daħlet fuq il-lant tax-xogħol hi. Is-soċjetà msejħa fil-kawża qalet li għalhekk għandu jirriżulta li Muscat bħala żviluppatur naqas diversi drabi milli jonora l-obbligi tiegħu, fosthom li jappunta *site manager,* li jipprepara *method statement,* li jipprepara *condition report* dwar il-proprjetajiet adjaċenti, kif ukoll li jkollu assikurazzjoni adegwata.

47. Is-soċjetà msejħa fil-kawża qalet li l-Ewwel Qorti ma setgħetx lanqas tiskarta l-ammissjoni rreġistrata minn Muscat innifsu, li fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 197/2014 qal mingħajr ebda riserva, li huwa kellu jagħmel tajjeb għall-ħsarat ikkaġonati fil-fond tal-attur Ronald Carbonaro b'riżultat tax-xogħlijiet fil-proprjetà tiegħu Is-soċjetà msejħa fil-kawża qalet li mhuwiex leċitu li il-konvenut Muscat issa jinjora din l-ammissjoni bħallikieku qatt ma saret, u

jippretendi li r-responsabbilità għad-danni jerfagħha ħaddieħor. Qalet li kuntrarjament għal dak allegat mill-konvenut Muscat, hija għandha għalfejn tilmenta minħabba l-fatt li qegħda tinżamm responsabbli solidalment miegħu minkejja li l-Perit Tekniku Ġudizzjarju kkonstata li hija mhijiex responsabbli għall-konsenturi fil-fond tal-atturi, u li ma sab xejn x'jiċċensura fil-mod kif hija ħadmet f'dan ir-rigward.

48. Is-soċjetà msejħa fil-kawża qalet li hija taqbel għal kollox mat-tieni aggravju tal-konvenut Muscat u tagħmlu tagħha, liema aggravju ġie sollevat ukoll minnha fl-appell inċidentali tagħha.

49. Is-soċjetà msejħa fil-kawża qalet li hija m'għandhiex għalfejn tiddelunga dwar it-tielet aggravju tal-konvenut Muscat għaliex l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu sopportati mill-parti telliefa fi proporzjon tat-telf u r-rebħ relattiv. Qalet li id-danni akkordati mill-Ewwel Qorti kienu ferm anqas minn dawk mitluba mill-atturi u, għalhekk għamlet sew l-Ewwel Qorti li akkollat nofs l-ispejjeż lill-atturi. Qalet li tenut kont id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, id-deċiżjoni dwar il-kap tal-ispejjeż kienet waħda ġusta u għandha tibqa' invarjata.

*L-appell inċidentali tas-soċjetà imsejħa fil-kawża*

50. Is-soċjetà msejħa fil-kawża MC Deguara Limited spjegat li hija ħasset ruħha aggravata b'partijiet tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti. Spjegat li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti u applikat il-liġi ħażin meta żammet lis-soċjetà kjamata fil-kawża responsabbli għall-ħsarat ikkonstatati mill-Perit Tekniku Ġudizzjarju taħt l-intestatura '*Damage to plaster and wall finish of party wall*' fil-fondi tal-atturi, minkejja li l-Perit Schembri fl-eskussjoni

kkonferma li dan ix-xogħol sar skont is-sengħa u l-arti u bl-aħjar mod possibbli. Qalet li l-Perit Schembri kkonferma li waqt it-tqattigħ tas-soqfa intużat sega biex is-soqfa jiġu iżolati mill-ħitan diviżorji, u intuża *chain saw* bid-*diamond cutter* meta ġiet imwaqqa' l-faċċata ġebla ġebla bil-*crane,* li dan kien l-aħjar metodu kif seta' jsir ix-xogħol, kif ukoll lilu ma rriżultatlu l-ebda negliġenza jew nuqqas da parti tas-soċjetà kjamata fil-kawża fix-xogħol tat-tqattigħ tas-soqfa u tat-twaqqigħ tal-faċċata. Is-soċjetà imsejħa fil-kawża qalet li minkejja dawn il-konstatazzjonijiet, l-Ewwel Qorti skartat dak li kellu xi jgħid il-Perit Tekniku Ġudizzjarju fir-rigward, wara li qieset li mkien ma ġie eskluż li sar użu minn *jigger* sabiex titqatta' l-parti ċentrali tas-soqfa. Is-soċjetà msejħa fil-kawża qalet li l-Ewwel Qorti kienet teknikament żbaljata fil-konsiderazzjonijiet tagħha, minħabba li s-sega tintuża biex taqta' s-saqaf minn mal-ħajt adjaċenti, b'mod li meta titwaqqa' l-parti tan-nofs ikun hemm *buffer* li jipprevjeni l-vibrazzjonijiet milli jilħqu l-ħajt adjaċenti. Żiedet tgħid li s-sega qatt ma tintuża biex jitqatta' saqaf sħiħ jew biex issir skavazzjoni sħiħa, iżda tintuża biss mal-ġnub. Qalet li l-Perit Tekniku Ġudizzjarju ma sab xejn x'jiċċensura fil-metodu użat minnha, tant hu hekk li dan wieġeb li lilu ma rriżultawlu l-ebda negliġenza jew traskuraġni fix-xogħol eżegwit. Żiedet tgħid li f'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti skartat dak li kellu x'jirrelata l-Perit Tekniku Ġudizzjarju dwar l-użu tas-sega u d-*diamond cutter,* u minflok qagħdet fuq ix-xhieda ta' Ronald Carbonaro, li m'hija korroborata minn l-ebda prova oħra. Is-soċjetà msejħa fil-kawża qalet li għalhekk l-Ewwel Qorti ddeċidiet ħażin meta stabbiliet li s-soċjetà msejħa fil-kawża kellha tinżamm responsabbli għad-danni anki fejn ix-xogħol jirriżulta li sar skont is-sengħa u l-arti u mingħajr nuqqasijiet jew negliġenza, u għamlet riferiment għal dak li jipprovdu l-artikolu 1029 sa 1033 tal-Kodiċi Ċivili dwar dan.

51. Is-soċjetà msejħa fil-kawża qalet li r-Regolament 5(6) tal-Avviż Legali 72 tal-2013 jistipula li l-iżviluppatur għandu jieħu prekawzjonijiet raġonevoli sabiex jassigura li l-attività ta' kostruzzjoni ma tirriżultax fi ħsara lill-proprjetajiet kontigwi, u għalhekk dan l-oneru huwa impost fuq l-iżviluppatur u mhux fuq il-kuntrattur, li fin-nuqqas ta' provvediment espress tal-liġi jirrispondi biss kemm-il darba waqt ix-xogħol tiegħu ma jużax il-prudenza u d-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja. Qalet li l-Perit Tekniku Ġudizzjarju kien ċar dwar il-fatt li ma sab l-ebda nuqqas jew negliġenza fl-operat tagħha, u qalet li f'ċirkostanzi fejn il-kuntrattur ma jaħtix għall-ħsara riskontrata fil-fond adjaċenti għaliex ma jkun hemm ebda nuqqas jew traskuraġni fix-xogħol tiegħu, għandu jkun is-sid tal-fond fejn saru x-xogħlijiet li jirrispondi għall-ħsarat minimi li kienu inevitabbli u konsegwenza naturali tal-istess xogħlijiet, u mhux il-kuntrattur.

52. Fit-tieni aggravju sollevat mill-imsejħa fil-kawża, hija tgħid li l-applikazzjoni tal-imgħax mid-data tan-notifika, jiġifieri mit-28 ta' Jannar, 2015, tikser il-prinċipju *in illiquidis non fit mora* f'ċirkostanzi fejn l-azzjoni tal-atturi kienet *da liquidarsi,* u fejn l-ammont ma kienx faċilment determinabbli. Qalet li tant għandu jirriżulta li l-ammont ma kienx oġġettivament u faċilment determinabbli, li l-Ewwel Qorti kellha tinkariga perit tekniku sabiex jirrelata dwar dan, u fil-fatt l-Ewwel Qorti akkordat ammont li kien saħansitra inqas minn dak stabbilit mill-Perit Tekniku Ġudizzjarju.

53. L-atturi permezz ta' nota ppreżentata minnhom quddiem din il-Qorti fit-22 ta' April, 2022, spjegaw li huma mhumiex sejrin iressqu risposta għall-appell inċidentali ta' MC Deguara Limited, għaliex fil-fehma tagħhom ir-risposta u l-

appell inċidentali tal-atturi jirriflettu l-pożizzjoni tagħhom, u li diġà jwieġbu għall-appell inċidentali interpost mill-kjamata fil-kawża.

*Ir-Risposta tal-konvenut Muscat għall-appell inċidentali tal-imsejħa fil-kawża*

54. Il-konvenut Carmel Muscat wieġeb li l-imsejħa fil-kawża qegħda tibbaża l-ewwel aggravju tagħha fuq it-tweġibiet għad-domandi in eskussjoni li saru lill-Perit Valerio Schembri, fejn dan wieġeb li l-użu tas-sega u taċ-*chainsaw* bid-*diamond cutter* kien l-aħjar mod kif setgħu isiru x-xogħlijiet, u li ma kienx hemm negliġenza da parti tas-soċjetà kjamata fil-kawża fix-xogħol tat-tqattigħ tas-saqaf u fit-twaqqigħ tal-faċċata. Il-konvenut Carmel Muscat qal li filwaqt li huwa jaqbel mal-aggravju tas-soċjetà kjamata fil-kawża limitatament safejn din qalet li ma ġie kkonstatat l-ebda nuqqas da parti tagħha, ladarba ġie stabbilit li x-xogħol sar skont is-sengħa u l-arti, lanqas ma kellha tinstab responsabbilità fil-konfront tiegħu. Żied jgħid li huwa ma jaqbilx mas-soċjetà kjamata fil-kawża li huwa għandu jwieġeb għal tali ħsarat ghaliex għandu jitqies li huwa l-iżviluppatur *ai termini* tal-Avviż Legali 72 tal-2013. Il-konvenut Carmel Muscat qal li huwa jaqbel mas-soċjetà kjamata fil-kawża li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta qieset li ma setgħetx teskludi l-użu tal-*jigger* mill-provi li l-Ewwel Qorti qieset li huma indizjarji. Qal li l-allegazzjoni tal-użu tal-*jigger* tirriżulta biss bħala allegazzjoni fiergħa da parti tal-attur Ronald Carbonaro fix-xhieda tiegħu, liema xhieda mhux biss ma ġietx ikkorraborata, iżda ġiet kontradetta diversi drabi mill-Periti Tekniċi Ġudizzjarju.

55. Il-konvenut Carmel Muscat żied jgħid li għad li l-Ewwel Qorti ma kinitx marbuta tagħmel tagħha l-konsiderazzjonijiet u konklużjonijiet magħmula fir-

rapport tal-Perit Tekniku Ġudizzjarju fl-intier tagħhom, kwalunkwe nuqqas ta' qbil ma' dan ir-rapport kellu jiġi sopportat b'fatti u provi li jirriżultaw mill-atti u mhux fuq xhieda tal-attur Ronald Carbonaro stess jew fuq ix-xhieda tal-Perit Micallef, li ma setax jiftakar jekk intużatx sega jew le. Il-konvenut Carmel Muscat qal li l-Perit Tekniku Ġudizzjarju kkonstata li x-xogħol mhux biss sar bis-sega u bid-*diamond cutter,* imma anki li x-xogħlijiet saru bid-diliġenza rikjesta u bil-prekawzjonijiet meħtieġa kemm mill-konvenut Muscat kif ukoll mis-soċjetà kjamata fil-kawża. Żied jgħid li ladarba ġie stabbilit li s-soċjetà kjamata fil-kawża u inkarigata minnu għall-eżekuzzjoni tax-xogħol, għamlet ix-xogħol skont is-sengħa u l-arti, lanqas jagħmel sens legali li tinstab responsabbilità fih.

56. Il-konvenut Muscat qal li mill-atti jirriżulta li l-Perit Karl Borg kien ingħata l-inkarigu għan-nom ta' MC Deguara Limited li jfassal pjan dwar kif ser isir ix-xogħol, hu stess kien xehed li fil-proġett in kwistjoni huwa kien jokkupa r-rwol ta' *site manager.* Qal li għalhekk kien il-Perit Borg li kellu responsabbilità li s-sit tal-żvilupp u l-attivitajiet ta' kostruzzjoni jkunu konformi mal-Avviż Legali 72 tal-2013, u mhux hu bħala żviluppatur. Il-konvenut Muscat qal li in vista tal-premess, l-ewwel aggravju tas-soċjetà kjamata fil-kawża għandu jiġi milqugħ limitatament, fis-sens li għandu jiġi ddikjarat li d-danni likwidati mill-Ewwel Qorti u intestati bħala '*damage to plaster and wall finish to party wall',* għandha tiġi lliberata minnhom u dan flimkien ma' Carmel Muscat li nkariga l-kuntrattur li eżegwixxa x-xogħol skont is-sengħa u l-arti.

57. B'riferiment għat-tieni aggravju sollevat mill-imsejħa fil-kawża, l-appellat qal li l-applikazzjoni tal-imgħax mid-data tan-notifika, jiġifieri mit-28 ta' Jannar, 2015, jikser il-prinċipju *in illiquidis non fit mora* f'ċirkostanzi fejn l-azzjoni

proposta mill-atturi kienet *da liquidarsi* u fejn l-ammont ma kienx faċilment determinabbli.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

58. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-appell ewlieni u l-appelli inċidentali intavolati mill-atturi u mis-soċjetà imsejħa fil-kawża, u dan wara li ħadet konjizzjoni tal-atti fl-intier tagħhom u tal-pożizzjoni ta' kull waħda mill-partijiet f'dawn il-proċeduri. Iżda qabel tagħmel dan, il-Qorti trid tirrimarka b'mod ġenerali dwar il-fatt li dawn il-proċeduri kienu kkaratterizzati minn sens qawwi ta' pika bejn il-partijiet, u din il-pika baqgħet tinħass saħansitra anki fil-mod kif tressqu l-aggravji fl-appell ewlieni u fl-appelli inċidentali minn kull waħda mill-partijiet fil-kawża. L-atturi u l-konvenut fil-kawża huma ġirien ta' xulxin, u bi ftit sens ta' bwon viċinat, dawn il-proċeduri li issa ilhom għaddejjin diversi snin, setgħu jiġu evitati. Il-Qorti sejra tibda billi tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-appell ewlieni mressaq mill-konvenut Carmel Muscat, qabel tikkonsidra l-appelli inċidentali li tressqu separatament mill-atturi u mis-soċjetà kjamata fil-kawża.

**L-Appell Ewlieni**

*L-ewwel aggravju:* *l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament u applikazzjoni ħażina tal-liġi*

59. Il-konvenut Muscat jibda billi jgħid li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta ddeċidiet li huwa għandu jinżamm responsabbli *in solidum*

mas-soċjetà kjamata fil-kawża għad-danni subiti mill-atturi fil-proprjetà tagħhom, u kkundannatu jħallas parti mill-ispejjeż. Il-konvenut Muscat qal li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset li huwa kien is-*site manager* għaliex huwa l-iżviluppatur tas-sit, billi mill-provi prodotti minnu kellu jirriżulta li kien il-Perit Karl Borg li ngħata din ir-responsabbilità minnu, bħala sid tal-proprjetà, sabiex ifassal pjan dwar kif kellu jsir ix-xogħol. Żied jgħid li l-Perit Borg innifsu xehed li huwa kien *site manager* tal-iżvilupp, iżda f'udjenza sussegwenti bidel fehemtu, u qal li l-mod kif kellu jiġi eżegwit ix-xogħol ma kienx jaqa' fir-*remit* tiegħu. Minkejja dan, qal il-konvenut Muscat, il-Perit Karl Borg kien f'pożizzjoni li jixhed u jagħti dettalji dwar il-mod kif sar ix-xogħol, dwar il-fatt li l-proprjetà baqgħet abitata sakemm tlestew ix-xogħlijiet, kien infurmat b'ċerti dettalji dwar fażijiet differenti tal-proġett, kif ukoll dwar il-prekawzjonijiet li ttieħdu meta sar it-twaqqigħ tas-soqfa. Il-konvenut Muscat qal li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li l-Perit Borg ma kienx is-*site manager* tal-proġett. Qal ukoll li r-responsabbilità għall-*method statement* hija fdata lis-*site manager,* u meta huwa nkariga lis-soċjetà kjamata fil-kawża bħala kuntrattur, huwa ried li l-Perit tagħha jkun is-*site manager* ta' dan il-proġett. Qal min-naħa tiegħu ma kien hemm l-ebda ksur tal-liġi, u huwa kien ġie assigurat mis-soċjetà kjamata fil-kawża li kien hemm kopertura permezz ta' polza tal-assigurazzjoni għal dan ix-xogħol. B'riferiment għall-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li ma jirriżulta li sar l-ebda *condition report* dwar il-fond tal-atturi qabel inbdew ix-xogħlijiet mill-konvenut Muscat, dan tal-aħħar qal li dan mhuwiex minnu, għaliex fil-fatt il-Perit Philip Micallef kien mar fil-fond tal-atturi qabel inbdew ix-xogħlijiet, u għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx issib li kien hemm *omissione volontaria di diligenza* min-naħa tiegħu, u ma kellhiex

tikkonkludi li huwa għandu jagħmel tajjeb *in solidum* mas-soċjetà kjamata fil-kawża għall-ħsara sofferta mill-atturi, għaliex min-naħa tiegħu huwa osserva l-obbligi legali kollha imposti fuqu. F'dan l-aggravju tiegħu, il-konvenut Muscat allega li s-soċjetà kjamata fil-kawża kienet negliġenti fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet, u kien għalhekk li wara xi żmien huwa rtira l-inkarigu li kien taha.

60. Il-Qorti tirrileva li l-konvenut Muscat mhux jikkontesta l-fatt li ġew ikkawżati danni fil-proprjetà tal-atturi, u lanqas m'huwa jikkontesta l-*quantum* tad-danni li ġew likwidati mill-Ewwel Qorti. Iżda l-konvenut Muscat jħossu aggravat bil-fatt li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li huwa għandu jagħmel tajjeb għal parti mid-danni sofferti mill-atturi, wara li din iddeċidiet li kien hemm ksur ta' diversi obbligi legali li kellu jassumi il-konvenut Muscat bħala l-iżviluppatur tas-sit, ewlenin fosthom il-ħtieġa li jsir *method statement* qabel jinbdew ix-xogħlijiet, il-ħtieġa li jsir *condition report,* kif ukoll il-ħtieġa li jkun hemm kopertura b'polza tal-assigurazzjoni qabel jinbeda x-xogħol. Dawn l-obbligi legali joħorġu minn dak li jipprovdi l-Avviż Legali 72 tal-2013, li jimponi għadd ta' obbligi fuq l-iżviluppatur ta' sit. Il-konvenut Muscat jgħid li huwa ma jaqbilx mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li huwa assuma r-rwol ta' *manager* tas-sit bħala l-iżviluppatur tal-proprjetà, u minflok jgħid li dan l-inkarigu kien ingħata lill-Perit Karl Borg, impjegat tas-soċjetà kjamata fil-kawża.

61. Il-Qorti tosserva li l-pretensjoni li qiegħed javvanza l-konvenut Muscat, li huwa kien ta inkarigu lill-Perit Karl Borg sabiex jassumi r-rwol ta' *manager* tas-sit, kellha tiġi korroborata minn provi li jmorru lil hinn minn dak li persuna tista' tgħid waqt ix-xhieda tagħha fil-Qorti. Fl-ewwel lok, l-inkarigu ta' *site manager* hija ħatra li jrid jiġi mgħarraf biha bil-miktub id-Direttur tal-Uffiċċju tar-

Regolamentar tal-Bini, u s-*site manager* irid jaċċetta dan l-inkarigu bil-miktub, flimkien ma' konferma li huwa jobbliga ruħhu li josserva r-regolamenti fl-Avviż Legali. Huwa fin-nuqqas ta' prova bħal din, li tinħoloq il-preżunzjoni li l-iżviluppatur tas-sit huwa *ipso facto* s-*site manager* tal-proġett. Il-konvenut Muscat ma ressaq l-ebda prova tal-inkarigu li huwa qiegħed jgħid li ta lill-Perit Borg, jew xi tip ta' prova tar-rimunerazzjoni li huwa ta lill-Perit Borg għall-inkarigu li suppost ingħata. Barra minn hekk, mill-provi jirriżulta wkoll li qabel ingħata l-inkarigu lis-soċjetà kjamata fil-kawża, kien hemm kuntrattur ieħor li ħadem fuq il-parapett tal-konvenut Muscat, u meta l-inkarigu tas-soċjetà kjamata fil-kawża ġie irtirat, kien hemm għadd ta' ħaddiema u kuntratturi oħra li komplew jaħdmu fuq is-sit. Il-konvenut Muscat naqas milli jgħid min kien is-*site manager* qabel beda u wara li spiċċa l-inkarigu tas-soċjetà kjamata fil-kawża, u għalhekk din l-allegazzjoni tiegħu li kien il-Perit Karl Borg, impjegat tas-soċjetà kjamata fil-kawża, li kien is-*site manager* għal dan il-proġett ma ġiet ikkorraborata bl-ebda mod. Il-Qorti tqis li kien hemm ksur lampanti tar-Regolamenti fl-Avviż Legali 72 tal-2013, għaliex minn imkien ma jirriżulta li ġie ppreżentat *method statement* qabel inbdew ix-xogħlijiet, u dan meta l-istess Regolamenti jipprovdu li l-*method statement* kellu jiġi ppreżentat lid-Direttur mis-*site manager* tmien ġimgħat qabel inbdew ix-xogħlijiet. Ma jistax ikun li il-konvenut Muscat jippretendi li kienet is-soċjetà kjamata fil-kawża jew xi esponent tagħha li kellhom ir-responsabbilità għal dan, għaliex l-inkarigu lis-soċjetà kjamata fil-kawża ngħata wara li il-konvenut Muscat beda x-xogħlijiet fil-proprjetà tiegħu.

62. Il-Qorti tqis ukoll li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta osservat li il-konvenut Muscat ma kienx kopert b'polza tal-assigurazzjoni qabel beda x-xogħlijiet, u dan minkejja li huwa xehed li kien ikkonferma li s-soċjetà kjamata fil-kawża kellha l-polza tal-assikurazzjoni tagħha. Din l-asserzjoni qajla tista' tkun ta' konfort għall-konvenut Muscat, ladarba jirriżulta mill-provi li s-soċjetà kjamata fil-kawża kienet biss waħda minn diversi kuntratturi li ħadmu fuq dan il-proġett, u li qabel ma ngħatat l-inkarigu, kien diġà sar xi xogħol ta' twaqqigħ fil-parapett tal-konvenut Muscat, u kienet diġà saret xi ħsara fil-proprjetà tal-atturi. Ma jirriżultax lanqas li l-konvenut Muscat kellu xi garanzija bankarja għall-eventwali ħsarat li setgħu jiġu kkawżati minn dan l-iżvilupp, u għalhekk il-Qorti qegħda tqis li dan ukoll jammonta għal ksur tal-obbligi li kellu il-konvenut Muscat bħala żviluppatur tas-sit. Irid jingħad ukoll li fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni intavolat mill-atturi kontra l-konvenut Muscat, il-konvenut Muscat wiegħed li kien ser jagħmel tajjeb hu u jirrimedja l-ħsara li qegħdin jilmentaw minnha l-atturi f'dawn il-proċeduri, u għalhekk issa ma jistax jersaq quddiem din il-Qorti u jippretendi li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta sabet li huwa għandu jinżamm responsabbli *in solidum* mas-soċjetà kjamata fil-kawża għall-ħsara kkaġunata. Barra minn hekk il-Qorti qieset ukoll li jirriżulta li ma sar l-ebda *condition report* dwar l-istat tal-proprjetà tal-atturi, għaliex li kieku sar dan ir-rapport, kien jiġi esebit, u dan minkejja li l-konvenut Muscat jgħid li l-perit inkarigat minnu, il-Perit Philip Micallef, kien mar fil-fond tal-atturi qabel inbeda l-iżvilupp. Il-Qorti tirrileva li fil-fatt kien il-Perit Philip Micallef li kkonferma liema ħsara fil-fond tal-atturi ġiet ikkaġunata mix-xogħol li sar fil-fond tal-konvenut Muscat, u dak li kkonstata l-Perit Micallef ġie kkonfermat saħansitra mill-Perit Tekniku Ġudizzjarju, il-Perit Valerio Schembri, li kkonferma liema ħsarat ġew

ikkaġunati mix-xogħol fil-fond tal-konvenut Muscat. Ċertament għalhekk li din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-loġika mħaddma mill-Ewwel Qorti sabiex waslet għall-konklużjoni li l-konvenut Muscat għandu jitqies li huwa responsabbli *in solidum* mal-kuntrattur għall-ħsarat ikkaġunati fil-proprjetà tal-atturi.

*It-tieni aggravju: minn meta għandu jibda jiddekorri l-imgħax*

63. Il-konvenut Muscat qal li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li l-imgħax fuq l-ammont dovut għandu jibda jiddekorri minn dakinhar li saret in-notifika tal-att ġudizzjarju, jiġifieri b'effett mit-28 ta' Jannar, 2015, u dan għaliex fil-każ odjern japplika l-prinċipju *in illiquidis non fit mora.* Qal li l-ammont ta' danni ma kienx faċilment determinabbli, tant hu hekk li kellu jinħatar Perit Tekniku Ġudizzjarju sabiex jiffissa l-ammont li għandu jitħallas lill-atturi, u l-pretensjoni tal-atturi kienet għall-ħlas tal-ammont ta' €9,954.83 'jew somma oħra verjuri', u għalhekk ma jistax jingħad li l-ammont pretiż kien ċert u likwidu qabel inbdew dawn il-proċeduri.

64. Din il-Qorti tgħid li huwa minnu li fil-każ odjern il-likwidazzjoni tad-danni li saret mill-Ewwel Qorti kienet f'ammont li huwa ferm inqas mill-ammont pretiż mill-atturi fil-kawża. Din il-Qorti sejra iżda tiċċita xi sentenzi ta' dawn il-Qrati li jwasslu għal konklużjoni differenti minn dik li qiegħed jipprova jasal għaliha il-konvenut Muscat. Fis-sentenza fl-ismijiet **Mario Sacco *vs.* Peter Muscat Scerri**, mogħtija fil-31 ta' Jannar, 2003, il-Qorti tal-Appell essenzjalment qalet li huwa aċċettat li meta l-ammont pretiż ikun indikat f'ċitazzjoni jew f'rikors, huwa permissibbli li fuq dak l-ammont, jew fuq ammont inferjuri għal dak mitlub, il-

Qorti tordna li għandu jiddekorri l-imgħax mid-data tal-preżentata tal-att taċ-ċitazzjoni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Mercieca *vs.* Nobbli S. Testaferrata Moroni Viani et**, tas-16 ta' Diċembru, 1991 (Vol. LXXV P.2 pg. 643), il-Qorti tal-Appell Kummerċjali qalet illi:

> *"Jekk l-attur talab il-kundanna tal-konvenut biex iħallas ammont preċiż u determinat, il-pretiża tal-attur hija għall-ammont ċert u likwidu u l-kontestazzjoni u ċ-ċaħdiet tal-konvenut huma fattur irrilevanti għad-determinazzjoni ta' ċertezza u l-likwidità tal-pretiża tal-attur. U daqstant ieħor huma irrilevanti n-nomina ta' perit fil-kawża u l-kundanna fis-sentenza għall-ammont anqas minn dak pretiż mill-kreditur attur. Fuq ammont ċert u likwidu li l-kreditur attur avvanza fiċ-ċitazzjoni tiegħu u għal dik il-parti minnu li ġiet sanzjonata mis-sentenza jiddekorru interessi u billi l-obbligazzjoni kienet ta' natura kummerċjali dawn huma regolati bl-artikolu 1141(1) tal-Kapitolu 16."*

65. Fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Mejju, 2004 fl-ismijiet **Carmelo Magro *vs.* Salvatore Caruana**, ġie osservat illi:

> *"Huwa minnu li l-attur talab il-ħlas ta' somma speċifika bħala danni minnu pretiżi. Iżda huwa minnu wkoll li l-perit tekniku ma wasalx biex jillikwida s-somma kollha mitluba mill-attur. Ladarba t-talba kienet għal-likwidazzjoni 'in linea ta' danni jew taħt forma oħra ta' kumpens', wieħed jista' jgħid li, skont il-prinċipji ordinarji, l-imgħaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tal-likwidazzjoni tal-istess kumpens;*
>
> *Illi, madanakollu, hija l-fehma wkoll ta' din il-Qorti li r-regola hawn fuq imsemmija mhijiex waħda assoluta. Dan jingħad għaliex, fejn is-somma pretiża, għalkemm mhix likwida, hija determinabbli, mhuwiex rakkommandabbli li l-imgħax jibda jgħaddi biss minn dakinhar tal-likwidazzjoni formali tal-ammont b'sentenza. Minbarra dan, ingħad li fejn l-ammont pretiż bħala dannu jkun imsemmi fl-att ġudizzjarju li bih titressaq l-azzjoni (jew f'att ġudizzjarju preċedenti għalih) l-imgħax fuq l-ammont talvolta likwidat għandu jibda jgħaddi minn dakinhar li l-att jitwassal lill-parti intimata, ukoll jekk fl-aħħar mill-aħħar, l-ammont attwalment likwidat mill-Qorti jkun anqas minn dak mitlub oriġinarjament." (fn. 35 App. Inf. 17.02.2003 fil-kawża fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Ltd noe vs Paul Tabone**).*

66. Il-Qorti tqis li fil-każ odjern l-imgħaxijiet legali għandhom jibdew jiddekorru minn dakinhar li saret in-notifika tal-att ġudizzjarju intavolat mill-atturi, u li wassal għall-bidu ta' dawn il-proċeduri. Ladarba jirriżulta li n-notifika tal-att lill-konvenut Muscat u lill-kjamata fil-kawża saret f'dati differenti, u ladarba dwar dan il-punt tqajjem aggravju fl-appell inċidentali tal-atturi fil-kawża, il-Qorti tqis li l-imgħaxijiet legali fuq l-ammont likwidat għandhom jibdew jitħallsu b'effett mid-data tan-notifika lil kull waħda mill-partijiet konvenuti fil-kawża, u għalhekk il-konvenut Muscat Carmel Muscat għandu jħallas imgħax legali b'effett mill-14 ta' Novembru, 2014, li jirriżulta li hija d-data li fiha huwa ġie notifikat bil-proċeduri, filwaqt li l-imgħax legali fuq l-ammont dovut mis-soċjetà kjamata fil-kawża għandu jibda jiddekorri b'effett mit-28 ta' Jannar, 2015. Għaldaqstant tqis illi t-tieni aggravju tal-konvenut Muscat mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu wkoll.

*It-tielet aggravju: l-ispejjeż tal-kawża*

67. Il-konvenut Muscat jgħid li huwa ma kellux jiġi kkundannat iħallas parti mill-ispejjeż tal-kawża, u dan għaliex tali addebitament lill-konvenut la ġie ġustifikat fis-sentenza tal-Ewwel Qorti u wisq anqas seta' jiġi ġustifikat.

68. Dwar dan il-punt il-Qorti mhijiex beħsiebha ttawwal wisq, għaliex huwa ċar li s-sentenza tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-apporzjonament tal-ispejjeż kienet xprunata mis-sejbien ta' responsabbilità għall-akkadut u għad-danni li ġew likwidati. Huwa ċar għalhekk li l-konvenut Muscat kellu jintalab jagħmel tajjeb għal parti mill-ispejjeż li ġew likwidati. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

**L-Appell Inċidentali tal-atturi**

*L-ewwel aggravju:* *L-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset li l-attur Ronald Carbonaro għandu jinżamm responsabbli għal parti mill-ħsara sofferta*

69. L-atturi qalu li huma ħassewhom aggravati b'dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn ingħad li l-attur Ronald Carbonaro għandu jinżamm responsabbli għal terz tal-ħsara sofferta, għaliex kien hemm element ta' kontributorjetà, kif ukoll nuqqas ta' inizjattiva da parti tal-atturi biex tiġi mitigata l-ħsara. Għal dan l-iskop, l-Ewwel Qorti naqset l-ammont ta' €1,537.50 mill-ammont ta' danni li ġie likwidat mill-Perit Valerio Schembri, wara li qieset li l-attur Ronald Carbonaro kkontribwixxa għad-dannu soffert minnu meta ċaqlaq l-*iscaffolding* li kien qiegħed iżomm is-*side shuttering,* bir-riżultat li dan ċeda. L-atturi qalu li mir-rapport tal-Perit Tekniku Ġudizzjarju kellu jirriżulta li min rama x-*shuttering* naqas milli jagħmel irbit adegwat, u huma ma taw l-ebda awtorizzazzjoni li dan ix-*shuttering* jintrama fil-proprjetà tagħhom.

70. Din il-Qorti tqis illi jirriżulta bl-aktar mod ampju li d-dannu li seħħ meta ċeda s-*side shuttering,* ma kienx iseħħ li kieku mhux għas-sens ta' pika li daħal bejn il-partijiet. Anki jekk jirriżulta li ħadd mill-familja Carbonaro ma ta l-awtorizzazzjoni tiegħu għall-armar tax-*shuttering* fit-terrazzin tal-proprjetà tagħhom, madanakollu s-sens komun jiddetta li meta persuna ssib armar bħal dan fil-proprjetà tagħha, m'għandhiex tieħu l-liġi b'idejha billi tipprova żżarmah hi. Mill-provi jirriżulta illi li kieku ma kienx għall-intervent tal-attur Ronald Carbonaro, ma kienx iseħħ l-inċident li kien jinvolvi s-*side shuttering*, għaliex

kien hu li pprova jħoll l-armar li ntrama, għaliex kien qiegħed jopponi għall-preżenza ta' dan l-armar fil-proprjetà tiegħu. Il-Qorti tqis li kien hemm modi oħrajn li permezz tagħhom li l-attur Carbonaro seta' juri d-diżapprovazzjoni tiegħu għat-tqegħid ta' dan l-armar fil-proprjetà tiegħu u ma kellux jipprova jneħħi dan l-armar huwa stess, partikolarment meta fix-xhieda tiegħu huwa qal b'riferiment għat-tindif li kien meħtieġ, li ma kellux ċerta għodda u lanqas ċertu għarfien tekniku dwar ix-xogħol li kien meħtieġ li jsir biex titnaqqas il-ħsara fil-proprjetà tiegħu. It-tbagħbis tal-*jack* tal-i*scaffolding* mill-attur Ronald Carbonaro, seta' kellu konsegwenzi aktar serji partikolarment fuq min kellu jagħmel użu minn dan l-armar, u għalhekk kienet korretta l-Ewwel Qorti meta kkonsidrat li l-attur Carbonaro għandu jwieġeb għal parti mill-ħsara kkaġunata meta ċeda s-*side shuttering,* ladarba ġie ppruvat li huwa kkontribwixxa għall-akkadut bl-aġir inkonsult tiegħu. Tqis għalhekk li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

71. L-atturi ħassewhom aggravati wkoll li ġiet addebitata lilhom parti mir-responsabbilità, għaliex skont l-Ewwel Qorti huma m'għamlu xejn biex ineħħu l-ħmieġ u t-titjir tal-konkos b'mod tempestiv, u qalu li huma la kellhom l-għodda u lanqas l-għarfien meħtieġ biex jagħmlu dan ix-xogħol. Il-Qorti kkonsidrat l-provi in atti, minn fejn jirriżulta li kull ma kien meħtieġ biex tiġi evitata ħsara akbar kien li r-*railings* u l-*aluminium* affettwati mill-konkos li waqa', jintmesħu bl-ilma, u li kieku dan ix-xogħol sar qabel laħaq nixef il-konkos, il-ħsara li ġrat kienet tiġi evitata. Ma jirriżultax mill-provi li l-konvenuti jew esponenti tas-soċjetà kjamata fil-kawża ppruvaw iwaqqfu lill-atturi milli jagħmlu x-xogħol ta' tindif meħtieġ, u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qieset li il-atturi

m'għamlu xejn biex jimmitigaw id-dannu, partikolarment meta raw li beda għaddej il-ħin u l-konvenut u l-kjamata fil-kawża m'għamlu xejn biex inaddfu t-titjir li kien hemm qabel dan jilħaq jinxef. Għaldaqstant dan l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali tal-atturi mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju: il-komputazzjoni tal-imgħax*

72. L-atturi huma tal-fehma li fil-każ odjern l-imgħax kellu jibda jiddekorri minn dakinhar li huma ppreżentaw l-avviż promutur fil-Qorti, għalkemm żiedu jgħidu li f'każ li din il-parti tal-aggravju ma tiġix milqugħha, l-imgħax għandu jiddekorri b'effett mid-data tan-notifika ta' kull parti rispettiva f'dawn il-proċeduri.

73. Il-Qorti diġà għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha *supra* f'dan ir-rigward, u għalhekk mhijiex sejra tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju.

*It-tielet aggravju: il-kap tal-ispejjeż*

74. L-atturi qalu li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata wkoll meta ddeċidiet li l-ispejjeż għandhom jinqasmu kwantu għal nofs li jridu jitħallsu mill-atturi, u n-nofs l-ieħor mill-konvenut u mill-kjamata fil-kawża. Spjegaw li kienu huma li fetħu dawn il-proċeduri għaliex sofrew ħsara fil-proprjetà tagħhom, u tul dawn il-proċeduri huma sofrew inkonvenjenzi oħra, u għalhekk mhux ġust li issa jintalbu jagħmlu tajjeb għal parti mill-ispejjeż tal-kawża. Qalu wkoll li huma m'għandhomx jitqiesu li huma 'telliefa' f'dawn il-proċeduri, u għalhekk l-Ewwel

Qorti kien imissha applikat l-artikolu 223(1) tal-Kap. 12, li jikkundanna lill-parti telliefa għall-ispejjeż.

75. Il-Qorti tqis li fil-każ odjern l-ekwità u l-ġustizzja jitolbu li l-atturi, li wara kollox huma l-persuni li sofrew dannu minħabba l-akkadut, m'għandhomx jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż tal-kawża, għaliex wara kollox huma m'għamlu xejn biex ġibdu fuqhom il-ħsara sofferta mill-proprjetà tagħhom, u dak kollu li seħħ kien biss dovut għall-fatt li l-proprjetà tagħhom tmiss ma' dik tal-konvenut Muscat. Il-konvenut Muscat kien il-persuna li għamel ix-xogħlijiet fil-fond tiegħu, u kienu dawn ix-xogħlijiet li wasslu biex l-atturi sofrew dannu, anki jekk kien hemm element ta' kontributorjetà da parti tal-attur Ronald Carbonaro għal parti mill-ħsara sofferta mill-atturi. Iżda għandu jingħad illi li kieku mhux għax-xogħlijiet fil-fond tal-konvenut Muscat, ma kienx ikun hemm il-ħtieġa li jintrama *jack* fuq il-proprjetà tal-atturi, u xejn minn dak li segwa ma kien iseħħ. Il-Qorti hija tal-fehma li l-ispejjeż tal-kawża, inkluż l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, għandhom jiġu sopportati mill-konvenut Carmel Muscat u mill-kjamata fil-kawża solidalment bejniethom, filwaqt li l-atturi m'għandhomx jiġu kkundannati jħallsu l-ebda parti mill-ispejjeż.

**<u>L-Appell Inċidentali tas-soċjetà kjamata fil-kawża</u>**

*L-ewwel aggravju:* *apprezzament żbaljat tal-fatti u applikazzjoni ħażina tal-liġi*

76. Fl-appell inċidentali tagħha, is-soċjetà kjamata fil-kawża qalet li sar apprezzament skorrett tal-fatti mill-Ewwel Qorti, u dan għaliex il-Perit Tekniku

Ġudizzjarju kkonferma li x-xogħol li hija ġiet inkarigata twettaq sar skont is-sengħa u l-arti. Qalet li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta kkonkludiet li ntuża *jigger* biex inqatgħu s-soqfa minn mal-ħitan, mentri mill-provi għandu jirriżulta li hija ħadmet bl-aħjar mod, billi għamlet użu minn sega sabiex qatgħet is-soqfa minn mal-ġnub, u użat *chainsaw* bid-*diamond cutter* sabiex sar il-kumplament tat-tqattigħ. Qalet li b'applikazzjoni tar-Regolament 5(6) tal-Avviż Legali 72 tal-2013, huwa l-iżviluppatur li huwa obbligat bil-liġi li jieħu l-prekawzjonijiet raġonevoli sabiex jassigura li l-attività ta' kostruzzjoni ma tikkawżax ħsara fuq il-proprjetà kontigwa.

77. Din il-Qorti tqis li ġaladarba ġie ppruvat, u anki ġie kkonstatat mill-Perit Tekniku Ġudizzjarju, li l-parti l-kbira tax-xogħlijiet fil-fond tal-konvenut Muscat saru mis-soċjetà kjamata fil-kawża, kien mill-aktar loġiku li din tal-aħħar tissejjaħ fi kwalunkwe proċeduri mibdija kontra l-konvenut bħala sid tal-fond, għall-ħsarat ikkaġunati waqt li kienu qegħdin isiru dawk ix-xogħlijiet. Skont dak li rrelata l-Perirt Tekniku Ġudizzjarju, jirriżulta wkoll li minkejja l-livell ta' diliġenza murija mis-soċjetà kjamata fil-kawża, in-natura tax-xogħol li saret fil-proprjetà tal-konvenut wasslet għal xi ħsara fil-proprjetà tal-atturi, u l-Ewwel Qorti ġustament iddeċidiet li għal din il-ħsara l-atturi għandhom jingħataw rimedju. Din il-Qorti tirrileva li minkejja li l-konvenut Carmel Muscat fir-rikors tal-appell tiegħu, qal li huwa temm l-inkarigu tas-soċjetà kjamata fil-kawża għaliex fil-fehma tiegħu din ma kinitx qegħda tagħmel xogħol skont is-sengħa u l-arti, fir-risposta tiegħu għall-appell inċidentali tas-soċjetà kjamata fil-kawża, Muscat ikkontradixxa dak li allega preċedentement, u qal li ladarba jirriżulta li x-xogħol mill-kuntrattur inkarigat minnu sar skont is-sengħa u l-arti, la hu u

lanqas is-soċjetà kjamata fil-kawża ma kellhom jinżammu responsabbli għad-danni. B'dawn it-tip ta' sottomissjonijiet, il-konvenut donnu li qiegħed jippretendi li wara l-inkonvenjent u l-ħsara li ġew ikkaġunati fil-proprjetà ta' ħaddieħor, huwa s-sid ta' dik il-proprjetà li għandu jagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata fi ħwejġu.

78. Il-Qorti tosserva li minkejja li l-Perit Tekniku Ġudizzjarju sab li x-xogħol fil-fond tal-konvenut sar skont is-sengħa u l-arti, madanakollu ma jistax jingħad li ma kienx hemm element qawwi ta' negliġenza meta wieħed jikkonsidra t-tip ta' ħsara li ġiet ikkaġunata fil-fond tal-atturi, partikolarment kif jirriżulta mir-ritratti esebiti mill-attur Ronald Carbonaro. Ċertament li din it-tip ta' ħsara ma kinitx iseħħ li kieku mhux għax-xogħol ta' żvilupp li kien għaddej fil-fond tal-konvenut, u kien hemm diversi nuqqasijiet fil-mod kif ħadmu l-konvenut u s-soċjetà kjamata fil-kawża, liema xogħlijiet wasslu għall-proċeduri odjerni. Ġie kkonstatat li parti mill-ħsara fil-ħajt tal-parapett ta' barra seħħet minħabba azzjoni mekkanika da parti tas-soċjetà kjamata fil-kawża, kif ukoll waqt il-perkors tax-xogħlijiet ġiet ikkawżata ħsara fuq il-ħajt ta' barra tal-proprjetà tal-atturi. Irriżultaw ukoll xi konsenturi, kif ukoll ħsara li ġiet ikkawżata mit-titjir tal-konkos li kien hemm waqt li kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet. Ma jistax għalhekk jingħad li ma kienx hemm element ta' traskuraġni fil-mod kif saru x-xogħlijiet, għaliex li kieku dan ma kienx il-każ, l-atturi ma kienu jsofru l-ebda ħsara fil-proprjetà tagħhom. Għaldaqstant dan l-aggravju tas-soċjetà imsejħa fil-kawża mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *il-komputazzjoni tal-imgħax legali*

79. Il-Qorti diġà għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dan l-aggravju li ġie sollevat ukoll minn partijiet oħra fil-kawża, u għalhekk mhix sejra tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju sollevat mis-soċjetà kjamata fil-kawża.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi l-appell ewlieni intavolat mill-konvenut Carmel Muscat, billi tiċħad l-aggravji sollevati minnu fl-intier tagħhom. Fir-rigward tal-appelli inċidentali intavolati mill-atturi u mis-soċjetà kjamata fil-kawża, il-Qorti tilqa' dawn l-appelli limitatament, billi tikkonferma s-sentenza appellata, ħlief li l-imgħax legali fuq l-ammont li ġie deċiż li għandu jitħallas mill-konvenut Muscat, għandu jiddekorri b'effett mill-14 ta' Novembru, 2014, filwaqt li l-imgħax legali fuq l-ammont dovut mis-soċjetà kjamata fil-kawża, għandu jibda jiddekorri b'effett mit-28 ta' Jannar, 2015.**

**Kwantu għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, dawn għandhom jitħallsu kwantu għan-nofs mill-konvenut Carmel Muscat, u n-nofs l-ieħor mis-soċjetà kjamata fil-kawża.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**